



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.11.2013
COM(2013) 785 final

**RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-
KUNSILL, LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U
SOĊJALI EWROPEW, LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI U LILL-BANK
EWROPEW TAL-INVESTIMENT**

**SUQ UNIKU GĦAT-TKABBIR U L-IMPJEGI: ANALIŻI TAL-PROGRESS LI SAR
U TAL-OSTAKLI LI GĦAD FADAL FL-ISTATI MEMBRI**

- Kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2014 -

INTRODUZZJONI

Il-kriżi finanzjarja u ekonomika wriet il-ħtieġa għal riformi strutturali profondi fl-Ewropa. Bi tweġiba għal dan, il-Kummissjoni nediet programm ambizzjuż biex is-Suq Uniku jibda jaħdem aħjar. L-Atti I u II dwar is-Suq Uniku jistipulaw sett ta' proposti leġiżlattivi u miżuri oħra biex jagħtu spinta lit-tkabbir u lill-impjiegi fl-Ewropa. Il-Kummissjoni ħarġet ukoll proposti riċenti sabiex is-Suq Uniku diġitali jiġi kkompletat ulterjorment. Jeħtieġ li ssir adozzjoni tal-proposti kollha li fadal mill-aktar fis, sabiex jiġi effettivament sfruttat il-potenzjal kollu tas-Suq Uniku u sabiex is-Suq Uniku jiġi adattat għas-seklu 21.

Madankollu, biex is-Suq Uniku jiffunzjona sew, mhux biżżejjed li ssir riforma tal-qafas leġiżlattiv tal-UE. Sabiex iċ-ċittadini, il-konsumaturi u n-negozji jkunu jistgħu effettivament igawdu mill-benefiċċji tas-Suq Uniku, ir-regoli jridu jitħaddmu fil-prattika. Jinħtieġu sforzi vigorużi u konsistenti sabiex jiġi żgurat li s-swieq jiffunzjonaw sew u li jitneħħew l-ostakli li jkun għad fadal.

Ħames snin wara li bdiet il-kriżi, hemm sinjali ta' rkupru. Bosta Stati Membri hađu passi biex jgħaddu minn riformi u joħolqu kundizzjonijiet tas-suq aħjar, minkejja t-tendenzi ta' terminu qasir li jiddefendu s-swieq nazzjonali.

Dan ir-rapport għandu l-għan li, fil-kuntest tal-Istrateġija Ewropa 2020, jeżamina mill-ġdid il-mod li bih is-Suq Uniku jiffunzjona fil-varji Stati Membri. Huwa jagħti rendikont ta' fejn sar il-progress minn meta bdiet il-kriżi u jfittex li jidentifika fejn għad hemm l-effetti lemt kif ukoll jiddefinixxi sett ta' prijoritajiet ta' politika fuq dik il-bażi. Għalhekk, ir-rapport jikkontribwixxi lejn il-prijoritajiet globali stabbiliti fl-Istħariġ Annwali tal-Kummissjoni dwar it-Tkabbir tal-2014, u lejn l-identifikazzjoni ulterjuri ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi fil-kuntest tas-semestru Ewropew.

Kif ġara fl-edizzjoni tas-sena li għaddiet, dan ir-rapport jiffoka fuq oqsma ewlenin fejn hemm l-ikbar potenzjal ta' tkabbir: is-servizzi, in-netwerks u l-ekonomija diġitali. Is-setturi tas-servizzi qed jikbru b'pass mgħaġġel u huma dawk li jiġġeneraw l-aktar impjiegi. Filwaqt li diġà sar xi progress, iridu jittieħdu passi oħrajn biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tas-settur tas-servizzi. B'mod parallel, u billi s-servizzi huma ferm interkonnessi ma' setturi oħra tal-ekonomija u b'mod partikolari tal-manifattura, jeħtieġ li ssir ħidma sabiex jittejjeb ulterjorment il-funzjonament tas-suq intern għall-prodotti industrijali. Fil-fatt, filwaqt li s-suq intern għall-oġġetti huwa ta' suċċess, l-UE trid tiżgura li l-qafas legali tiegħu jibqa' adattat għall-iskop f'dinja globalizzata, fejn l-innovazzjoni hija ta' importanza ewlenija u l-prodotti jevolvu malajr. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se tippreżenta rieżami dwar is-suq intern għall-prodotti industrijali sal-aħħar tas-sena.

Ir-rapport ta' din is-sena jagħti ħarsa wkoll lejn il-funzjonament tas-settur finanzjarju, minħabba li aċċess aħjar għall-finanzi u integrazzjoni aħjar tas-swieq finanzjarji huma kwintessenzjali biex tiġi rrestawrata l-fiduċja u tiġi ffinanzjata l-ekonomija reali.

In-netwerks jibqgħu jikkostitwixxu s-sinsla tal-ekonomija. Il-komunikazzjonijiet elettroniċi, l-enerġija u l-attivitajiet ta' trasport, flimkien jammontaw għal 8,9 % tal-valur miżjud u għal

6,1 % tal-impjiegji fl-UE27, u l-importanza tagħhom qed tkompli tiżdied.¹ Huma joffru wkoll kontributi essenzjali għal setturi oħra tal-ekonomija. Is-settur diġitali huwa wkoll il-mutur ewlieni għall-produttività, il-kreattività u l-innovazzjoni. F'xi ekonomiji ewlenin (il-pajjiżi tal-G8, il-Korea t'Isfel u l-Isvezja), l-ekonomija tal-internet² ġabet magħha 21 % tat-tkabbir tal-PDG fil-perjodu li jkopri mill-2006 sal-2011³.

Il-Parti I ta' dan ir-rapport toffri analiżi tas-setturi ewlenin imsemmija hawn fuq u tiddefinixxi għadd ta' prioritajiet ta' politika. Il-Parti II tippreżenta aktar sejbiet orizzontali dwar il-funzjonament tas-Suq Uniku, abbażi ta' analiżi ta' ktajjen ta' valur fi ħdan l-UE u barra mill-UE.

PARTI I – L-ISTAT TAS-SUQ UNIKU F'OQSMA EWLENIN BL-AKBAR POTENZJAL TA' TKABBIR

2.1. L-implimentazzjoni u l-infurzar – ħarsa ġenerali

- Il-Komunikazzjoni ta' Ġunju 2012 dwar Governanza Aqwa⁴ ħabbret sett ta' miżuri biex tindika l-progress rapidu li kien qed isir f'oqsma ewlenin għat-tkabbir. L-ewwel, din talbet li jintuża **approċċ ta' "tolleranza żero"**: L-Istati Membri għandhom jittrasponu u jimplementaw il-leġislazzjoni tal-UE elenkata fl-Anness tal-Komunikazzjoni b'mod rapidu u korrett sabiex kemm id-defiċit ta' traspożizzjoni kif ukoll dak ta' konformità jonqsu għal 0 %.
- Sena u nofs wara, inkisbu xi riżultati tajbin (ara l-Anness). Għall-biċċiet tal-leġislazzjoni elenkati fl-Anness ta' din il-Komunikazzjoni li huma relatati mas-servizzi finanzjarji, is-Suq Uniku diġitali u t-trasport, ġiet irrispettata **l-mira ta' defiċit ta' traspożizzjoni ta' 0 %**. Fit-tarf l-ieħor tal-ispettru, madankollu, hemm is-settur tal-enerġija. Filwaqt li għadd ta' Stati Membri tejbu r-rekords tagħhom, bosta Stati Membri għandhom jonqsu milli jirrispettaw l-iskadenzi ta' traspożizzjoni, u fosthom erba' Stati Membri li saħansitra naqsu milli jittrasponu tlieta mill-erba' direttivi kkonċernati.
- Il-Komunikazzjoni sejħet ukoll għal approċċ u infurzar aktar vigorużi f'oqsma ewlenin. Fejn ikun hemm indikazzjonijiet li partijiet ewlenin tal-leġislazzjoni ġew miksur, il-**proċeduri ta' ksur** ma għandhomx jieħdu iktar minn medja ta' 18-il xahar, u l-konformità sħiħa mas-sentenzi tal-Qorti ma għandhiex tiegħu aktar minn medja ta' 12-il xahar. F'bosta oqsma, ittiegħdu passi biex jiġi ttrattat b'vigożità ksur possibbli tal-liġi tal-UE, u r-riżultati ta' dan l-approċċ huma viżibbli b'mod ċar, pereżempju fis-settur tas-servizzi (cf. *infra*). Minkejja dan, id-durata medja tal-proċeduri ta' ksur għadha ta' 29,4 xhur, u uħud minn dawn il-proċeduri ta' ksur jieħdu aktar minn 50 jew saħansitra

¹ Id-Dokumenti Okkażjonali 129 tal-Kummissjoni Ewropea "Market Functioning in Network Industries – Electronic Communications, Energy and Transport" (Il-Funzjonament tas-Suq fl-Industriji tan-Netwerks – il-Komunikazzjoni Elettronika, l-Enerġija u t-Trasport), Frar 2013

² L-attivitajiet kollha marbuta mal-ħolqien u l-użu ta' netwerks tal-aċċess għall-internet kif ukoll mas-servizzi offruti fuq l-internet (it-telekomunikazzjonijiet bl-IP, il-manifattura u l-manutenzjoni tal-materjal tal-IT intenzjonat għall-web, l-attivitajiet ta' servizzi bbażati fuq l-internet, u l-attivitajiet kollha li jużaw l-internet bħala mezz ta' komunikazzjoni, mill-kummerċ elettroniku sar-riklamar onlajn).

³ L-istudju li jgħib l-isem "Internet matters, the net's sweeping impact on growth, jobs, and prosperity" (Kwistjonijiet marbuta mal-internet, l-impatt fenomenali tal-internet fuq it-tkabbir, l-impjieggi, u l-prosperità), McKinsey Global Institute, Mejju 2011, jagħti ħarsa lejn dawn il-pajjiżi kif ukoll lejn il-Brażil, iċ-Ċina u l-Indja.

⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Governanza Aqwa tas-Suq Uniku", COM(2012)259 final, Ġunju 2012

84 xahar. Is-sitwazzjoni hija ferm aħjar fl-oqsma tal-enerġija (15-il xahar) u tat-trasport (15,4 xhur).

2.2. Is-swieq tas-servizzi

Ir-rendiment tas-suq u l-ostakli għall-integrazzjoni tal-UE

Bosta Stati Membri jwettqu riformi fis-setturi tas-servizzi biex jagħmluhom jaħdmu aħjar. Matul is-sena li għaddiet dan kien il-każ b'mod partikolari tal-Portugall (PT), ta' Spanja (ES), tal-Italja (IT), tal-Greċja (EL) u tal-Polonja (PL), u sa ċertu punt, tas-Slovenja (SI) u tar-Repubblika Ċeka (CZ). Dawn ir-riformi ġew imħeġġa minn rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (CSRs) jew minn programmi miftiehma mal-gvernijiet rispettivi. Madankollu, tinħass il-ħtieġa li r-riformi jsiru f'diversi Stati Membri, inkluż fl-Awstrija (AT), fil-Belġju (BE), fil-Ġermanja (DE) u fi Franza (FR), li rċewew ukoll CSRs relatati mas-servizzi.

Inċentiv ieħor għar-riforma rriżulta mill-**eżerċizzju ta' tolleranza żero tal-Kummissjoni biex tiġi żgurata konformità sħiħa mad-Direttiva dwar is-Servizzi**. Matul is-sena li għaddiet, 13-il Stat Membru taw bidu għal riformi ulterjuri b'reazzjoni għall-proċeduri pilota jew ta' ksur tal-UE mnedija mill-Kummissjoni. Dawn huma marbuta l-iktar ma' restrizzjonijiet fuq komunikazzjoni kummerċjali, ma' rekwiżit ta' residenza jew ma' limitazzjoni territorjali tal-awtorizzazzjoni.

Il-Punti ta' Kuntatt Waħdieni (PSCs) ġew żviluppati ulterjorment f'ħafna Stati Membri bħala parti mill-isforzi usa' tagħhom biex joffru servizzi elettroniċi tal-gvern komprensivi għan-negozji (il-kwistjonijiet elettroniċi tal-gvern huma ttrattati aktar fid-dettall fit-taqsimha dwar "is-swieq diġitali" hawn taħt). Sabiex in-negozji jirnexxu, jeħtieġ li jkollhom informazzjoni affidabbli u faċilment aċċessibbli dwar ir-rekwiżiti regolatorji, u jeħtieġ li jkunu jistgħu jikkompletaw il-proċeduri amministrattivi rilevanti onlajn. Dan huwa l-oġettiv tal-PSCs u tal-Karta tal-PSCs li ġiet approvata riċentement. Ċerti PSCs diġà jiffurmaw parti minn strutturi elettroniċi tal-gvern integrati (l-Estonja [EE], Spanja [ES], id-Danimarka [DK], il-Pajjiżi l-Baxxi [NL], ir-Renju Unit [UK], l-Isvezja [SE], il-Lussemburgu [LU]). Matul is-sena li għaddiet kien hemm pajjiżi oħra li kienu qed jagħmlu progress (il-Bulgarija [BG], il-Greċja [EL], Franza [FR]). Madankollu, il-PSCs fil-Belġju (BE), fil-Ġermanja (DE), fil-Latvja (LV), fil-Polonja (PL) u fir-Rumanija (RO) jirrikjedu attenzjoni partikolari, speċjalment fir-rigward tal-ikkompletar tal-proċeduri onlajn.

Minkejja dan, **il-potenzjal tas-Suq Uniku li jagħti spinta lill-iżvilupp tas-settur tas-servizzi għadu qawwi**. Ix-xejriet ippreżentati fir-rapport tas-sena l-oħra, li juru li l-integrazzjoni fis-servizzi kienet ferm aktar baxxa meta mqabbla mas-suq tal-prodotti, jibqgħu validi. Tabilħaqq, l-integrazzjoni kummerċjali fis-Suq Uniku għall-prodotti hija ta' madwar 22 %, filwaqt li dik fis-servizzi qiegħda madwar 5 %⁵. Bl-istess mod, il-konsumaturi jevalwaw ir-rendiment tas-Suq Uniku tas-servizzi bħala inqas pożittiv minn dak tal-merkanzija.⁶

⁵ L-integrazzjoni kummerċjali hija kkalkulata permezz tal-medja tal-importazzjonijiet u tal-esportazzjonijiet ta' merkanzija u ta' servizzi, diviża bil-PDG.

⁶ Ara, l-Istħariġ ta' Monitoraġġ tas-Suq tal-Konsumaturi 2013 ikkummissjonat mid-DĠ SANCO u li għandu jintuża fl-għaxar Tabella ta' Valutazzjoni tas-Swieq tal-Konsumaturi li jmiss, http://ec.europa.eu/consumers/consumer_research/consumer_market_monitoring_survey_en.htm

Approċċ aktar ambizzjuż għall-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi jista' jrendi benefiċċji għat-tkabbir u l-impjiegi fl-UE. Il-miżuri meħuda mill-Istati Membri biex jimplementaw id-Direttiva dwar is-Servizzi se żżid il-PDG b' madwar 0,8 % fuq perjodu ta' 5-10 snin. Waħedha, implimentazzjoni aktar ambizzjuża tad-Direttiva dwar is-Servizzi tista' tiġġenera żieda ta' 0,6 %-2,6 % fil-PDG.⁷

Fl-istess ħin, ir-rieżami bejn il-pari li sar riċentement dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi kkonferma l-valutazzjoni li saret qabel⁸ li **ħafna Stati Membri ma wettqux testijiet importanti tal-proporzjonalità rigward ir-rekwiżiti li jifdal fis-settur tas-servizzi**⁹. It-twettiq ta' dawn it-testijiet huwa meħtieġ sabiex jiġi vvalutat jekk dawn ir-restrizzjonijiet humiex iġġustifikati u jekk hux possibbli li l-istess oġġettivi ta' interess pubbliku jintlaħqu permezz ta' miżuri inqas restrittivi. B'riżultat ta' dan, għad hemm wisq restrizzjonijiet fuq id-dritt ta' stabbiliment, bħall-obbligu li l-kumpaniji jkollhom forma ġuridika jew parteċipazzjoni azzjonarja partikolari u r-rekwiżiti marbuta mal-kapital. Dawn l-ostakli jistgħu jirrestrinġu l-istabbiliment ta' kumpaniji ta' servizz mas-Suq Uniku kollu, jimpedixxu lil ċerti mudelli ta' negozju milli jiżviluppaw jew jillimitaw l-investiment fis-settur, u dan jaffettwa t-tkabbir u l-innovazzjoni.

Il-frammentazzjoni tar-regoli nazzjonali relatati max-xogħol, it-tassazzjoni, is-saħħa u s-sikurezza, il-protezzjoni tal-konsumatur u l-liġi kuntrattwali għadha problema. F'kuntest transkonfinali, din tikkawża kosti marbuta mal-konformità li b'mod partikolari, iħallu impatt fuq il-mikrointrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar.

F'dak li jirrigwarda l-aċċess għall-attivitajiet professjonali, diversi Stati Membri bdew bir-riformi tagħhom, iżda għad fadal xi ostakli għad-dħul f'għadd ta' attivitajiet professjonali. L-ostakli għad-dħul ta' spiss jieħdu l-forma ta' rekwiżiti ta' kwalifiki professjonali jew ta' restrizzjonijiet fuq l-għadd ta' fornituri tas-servizzi permess fis-suq. Dawn jistgħu jkunu iġġustifikati mill-ħtieġa li tiġi ssalvagwardjata l-kwalità tas-servizzi, li jiġi żgurati l-għarfien tekniku xieraq tal-professjonisti u li jiġu mħarsa l-konsumaturi minn prattika ħażina. Fl-istess ħin, dawn joħolqu restrizzjonijiet konsiderevoli għall-aċċess u t-tmexxija ta' attivitajiet professjonali. Bosta Stati Membri nedew rieżamijiet sabiex jivvalutaw jekk l-interessi tal-politika pubblika jistgħux jinkisbu mingħajr ma jiġu imposti restrizzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq u fuq il-kompetizzjoni. Il-Portugall (PT) qed iwettaq skrinjar komprensiv u riforma tal-professjonijiet regolati. L-Italja (IT) irreviediet il-qafas regolatorju orizzontali tagħha. Spanja (ES) ippreżentat abbozz ta' liġi li tillimita s-setgħat tal-ordnijiet professjonali mas-setturi kollha. Riformi speċifiċi għas-settur tnedew ukoll fil-Polonja (PL), fir-Repubblika Ċeka (CZ) u fis-Slovenja (SI) u tħabbiru li jsiru fid-Danimarka (DK). Il-Kummissjoni se tkompli tiffaċilita dawn ir-rieżamijiet, permezz ta' eżerċizzju ta' evalwazzjoni reċiproka li nġhata bidu fil-qafas tad-Direttiva riveduta dwar il-Kwalifiki Professjonali¹⁰, inkluż fil-pajjiżi

⁷ Id-Dokument Ekonomiku tal-Kummissjoni Ewropea 456: "The economic impact of the Services Directive: A first assessment following implementation" (L-impatt ekonomiku tad-Direttiva dwar is-Servizzi: L-ewwel valutazzjoni wara l-implimentazzjoni), Ġunju 2012

⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi "Sħubija għal tkabbir ġdid fis-servizzi 2012-2015", COM(2012) 261 final, Ġunju 2012

⁹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni ta' regolamenti nazzjonali dwar l-aċċess għall-professjonijiet, COM(2013) 676 final, Ottubru 2013, u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal dwar l-eżitu tar-rieżami bejn il-pari rigward il-forma ġuridika, il-parteċipazzjoni azzjonarja u r-rekwiżiti marbuta mat-tariffi fil-qafas tad-Direttiva dwar is-Servizzi, SWD(2013) 402 final, Ottubru 2013

¹⁰ http://ec.europa.eu/internal_market/qualifications/policy_developments/index_en.htm#maincontentSec1

li għandhom portata għal riformi oħrajn, bħalma huma l-Awstrija (AT), il-Ġermanja (DE) jew Franza (FR).

Fir-rigward tas-**servizzi tas-saħħa**, bosta Stati Membri għad iridu jistabbilixxu Punti ta' Kuntatt Nazzjonali b'riżorsi adegwati biex jgħinu lill-pazjenti jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-kura tas-saħħa transkonfinali. Lil hinn mill-pazjenti, il-moviment ħieles ta' professjonisti u fornituri fis-settur tas-servizzi tas-saħħa, għandu potenzjal konsiderevoli.

Fis-settur tas-servizzi bl-immnut, tnedew xi riformi u jeħtieġ li jkomplu jindirizzaw l-ostakli li fadal u li qed jaffettwaw il-kompetizzjoni, inklużi dawk fi stabbiliment kummerċjali. Il-Finlandja (FI) tat bidu għal riformi biex tiżdied il-kompetizzjoni fis-settur tal-bejgħ bl-immnut. Spanja (ES) wettqet riformi b'rabta ma' postijiet żgħar tal-bejgħ bl-immnut, iżda għal postijiet tal-bejgħ akbar għad hemm xi restrizzjonijiet. Filwaqt li ċerti restrizzjonijiet jistgħu jiġu ġġustifikati permezz ta' objettivi ta' interess pubbliku (pereż. l-impatt ambjentali), oħrajn huma aktar diffiċli li jiġu ġġustifikati billi dawn, notevolment, idgħajfu l-kompetizzjoni u jħallu effetti negattivi kemm fuq l-industrija (il-modernizzazzjoni; l-effiċjenza) kif ukoll fuq il-konsumaturi (inqas għażla, prezzijiet oġhla). It-testijiet dwar il-ħtiġijiet ekonomiċi huma pprojbiti skont id-Direttiva dwar is-Servizzi, iżda xorta waħda għadhom fis-seħħ fl-Ungerija (HU) u fil-Pajjiżi l-Baxxi (NL), u f'ċerti reġjuni tal-Ġermanja (DE) u Spanja (ES). Il-Kummissjoni ħarġet CSRs għall-Belġju (BE), id-Danimarka (DK), il-Finlandja (FI), Franza (FR), il-Ġermanja (DE), l-Ungerija (HU) u Spanja (ES) bil-għan li tkompli tinkoraġġixxi r-riformi. Kif imħabbar fil-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għas-Settur tal-Konsumaturi¹¹, il-Kummissjoni qed tnedi dibattitu usa' u skambju tal-aħjar prassi bejn l-Istati Membri dwar l-istabbiliment kummerċjali.

Ir-restrizzjonijiet fuq il-provvista transkonfinali ta' merkanzija jistgħu jaffettwaw ukoll il-kompetizzjoni fis-swieq tal-bejgħ bl-immnut. Jista' jkun illi l-bejjiegħa bl-immnut mhux dejjem ikunu liberi li jakkwistaw il-merkanzija tagħhom bl-aħjar prezzijiet madwar l-Ewropa kollha. Hemm raġunijiet validi għal ċerti differenzi fil-prezz bejn is-swieq nazzjonali, iżda hemm ukoll indikazzjonijiet ta' limiti territorjali ta' provvista li jipprevjenu milli jkun hemm prezzijiet aktar baxxi f'ċerti swieq nazzjonali (il-Lussemburgu [LU] u l-Belġju [BE]), speċjalment fil-każ ta' prodotti tal-marka. Il-Kummissjoni beħsiebha tesplora dan is-suġġett iktar fil-fond fl-2014, billi tikkonsulta mal-partijiet interessati dwar allegazzjonijiet ta' limiti territorjali ta' provvista, bil-ħsieb li tiddeċiedi fuq il-passi possibbli li jmiss.

Xi drabi, il-konsumaturi għadhom jiġu kkonfrontati minn sitwazzjonijiet fejn **in-nazzjonalità jew il-post ta' residenza tagħhom tfixkel/ifixkel il-kapaċità tagħhom li jixtru l-prodotti u s-servizzi** mas-Suq Uniku kollu, jew iżżid/iżid il-prezz li jkun jridu jħallsu, speċjalment onlajn. Jista' jagħti l-każ li din is-sitwazzjoni ta' diskriminazzjoni perċepita mhux dejjem tkun ir-riżultat ta' kundizzjonijiet tas-suq oġġettivi u taffettwa l-fiduċja tal-konsumaturi fis-Suq Uniku.

L-awtoritajiet pubbliċi huma konsumatur ewlieni tas-servizzi fl-Ewropa. L-applikazzjoni korretta, effiċjenti u trasparenti tar-regoli tal-akkwist twassal għal gwadanji sinifikanti. Diversi Stati Membri taw bidu għar-**riformi tagħhom fl-akkwist pubbliku**¹², inkluż l-Italja (IT), il-Greċja (EL), il-Portugall (PT) u Spanja (ES). F'ħafna Stati Membri, il-fornituri tas-

¹¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Pjan ta' Azzjoni Ewropew għas-Settur tal-Konsumaturi", COM(2013)36 final, Jannar 2013

¹² L-aspetti tal-akkwist elettroniku huma ttrattati fit-taqsim "is-swieq diġitali".

servizzi u l-baġits pubbliċi jistgħu jibbenefikaw aktar mit-tnaqqis tat-tul ta' żmien tal-proċeduri, mit-titjib fil-kompetizzjoni u t-trasparenza fl-offerti pubbliċi u mill-prevenzjoni ta' irregolaritajiet (pereżempju permezz ta' investiment fil-professjonalizzazzjoni tal-uffiċjali responsabbli mill-akkwist pubbliku jew taż-żieda fil-livell tal-pubblikazzjoni tal-avviżi) u, b'mod aktar ġenerali, mit-titjib tal-governanza f'dan il-qasam (pereżempju permezz ta' monitoraġġ aħjar, informazzjoni aħjar u d-disseminazzjoni tal-aħjar prassi). Ir-riformi huma b'mod partikolari (iżda mhux biss) meħtieġa fil-Bulgarija (BG), fil-Ġermanja (DE), fl-Ungerija (HU), fl-Italja (IT), f'Malta (MT) u fir-Rumanija (RO), hekk kif ġie indikat fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi indirizzati lil dawn il-pajjiżi fl-2013. Barra minn hekk, minħabba l-importanza ekonomika tagħhom¹³, konformità aħjar mar-regoli tal-akkwist fis-setturi tal-immaniġġjar tal-iskart u tal-ICT tista' tkun sors ta' tfaddil partikolari ġġenerat minn kompetizzjoni mtejbja f' dawn is-swieq.

Prijoritajiet ta' politika

B'kunsiderazzjoni ta' dan li ssemma hawn fuq, l-Istati Membri għandhom jiffukaw fuq il-prijoritajiet ewlenin li ġejjin:

- Jadottaw **approċċ iktar ambizzjuż għall-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi** permezz ta' skrinjar sistematiku tal-oqfsa regolatorji bil-ħsieb li jiġu evalwati l-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-ostakli li għad fadal. Għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lir-restrizzjonijiet li ġew identifikati fil-kuntest tar-rieżami bejn il-pari li sar riċentement rigward il-forom ġuridiċi u l-parteċipazzjoni azzjonarja.
- Jieħdu inkunsiderazzjoni, kif xieraq, il-prinċipji tas-Suq Uniku meta jiġu adottati r-regoli nazzjonali li jkollhom impatt fuq il-provvista ta' servizzi u l-istabbiliment, bħat-tassazzjoni nazzjonali, il-liġi tax-xogħol u r-regoli dwar il-protezzjoni tal-konsumatur. Approċċ għas-servizzi li jkun komprensiv biss se jippermetti li jsir avvanz sinifikanti fl-integrazzjoni tas-Suq Uniku għas-servizzi.
- Jissimplifikaw il-leġislazzjoni fis-settur tas-servizzi b'tali mod li dan iwassal għal simplifikazzjoni amministrattiva għan-negozji, speċjalment għall-SMEs. Gvern elettroniku huwa għodda b'saħħha biex jinkiseb dan. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom **itejbu aktar il-funzjonament tal-Punti ta' Kuntatt Waħdieni** billi jinkluduhom bħala parti mis-servizzi elettroniċi tal-gvern (ara wkoll it-taqsimha "is-swieq diġitali" hawn taħt).
- Jaħtfu l-opportunità li tiġihom permezz tal-eżerċizzju ta' trasparenza u ta' evalwazzjoni reċiproka billi jwettqu **skrinjar fil-fond tar-restrizzjonijiet li hemm fis-seħħ fil-livell nazzjonali li jaffettwaw l-aċċess għal professjonijiet regolati** u jeżaminaw il-ġustifikazzjonijiet biex dawn jinżammu, filwaqt li jqisu l-effetti sekondarji tagħhom fi

¹³ Il-valur tal-kuntratti li ngħataw b'raba mal-ġbir u t-trattament tal-iskart ammonta għal EUR 12674 miljun fl-2010, jiġifieri 10 % tal-fatturat totali tal-industrija fl-istess sena jew madwar terz tan-nefqa ġenerali tal-gvern f'oġġetti, xogħlijiet u servizzi għall-immaniġġjar tal-iskart. Il-valur tal-avviżi għall-ġħoti ta' kuntratti għall-hardwer, is-softwer jew is-servizzi tal-ICT fl-UE27 fl-2010 kien jammonta għal EUR 22483 miljun. Għal aktar taġġrif, jekk jogħġbok ikkonsulta: "Sector analysis of Public Procurement, criteria for selecting sectors and initial analysis of two sectors: waste collection & treatment and ICT contracts" (Analiżi tas-settur tal-Akkwist Pubbliku, il-kriterji għall-għażla tas-setturi u l-analiżi inizjali ta' żewġ setturi: il-ġbir u t-trattament tal-iskart u l-kuntratti tal-ICT", il-25 ta' Ġunju 2013.

swieq oħrajn. Jesploraw il-possibbiltà ta' mekkaniżmi inqas restrittivi li jiggarrantixxu l-interess pubbliku kif ukoll dak fil-konfront tal-konsumaturi.

- **Isaħħu l-kompetizzjoni fis-settur tas-servizzi inkluż fis-servizzi bl-immnut billi jeliminaw l-ostakli.** B'mod partikolari, ir-restrizzjonijiet fl-istabbiliment kummerċjali li mhumiex neċessarji u proporzjonati għandhom jitneħħew, u t-testijiet dwar il-ħtiġijiet ekonomiċi li fadal għandhom jiġu aboliti sistematikament.
- **Irawmu t-trasparenza u kuxjenza fir-rigward tad-differenzi fil-prezzijiet u tad-drittijiet tal-konsumatur** mas-Suq Uniku kollu, b'mod partikolari permezz taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumatur u awtoritajiet responsabbli oħra. Jaħdmu biex inaqqsu d-diskriminazzjoni mhux ġustifikata tal-konsumaturi.
- Jistabbilixxu **Punti ta' Kuntatt Nazzjonali** biex jgħinu lill-pazjenti li jkunu qed ifittxu **kura tas-saħħa barra minn pajjiżhom.**
- Jaħdmu biex **inaqqsu l-komplessità u d-durata tal-proċeduri, itejbu l-kompetizzjoni fl-offerti pubbliċi** *inter alia* permezz ta' żieda fit-trasparenza u l-pubblikazzjoni ta' rati, u **jinvestu fil-professjonalizzazzjoni tal-uffiċjali responsabbli mill-akkwist pubbliku.** Barra minn hekk, għandhom jipprevjenu b'mod attiv l-irregolaritajiet u jtejbu l-governanza tal-akkwist pubbliku. Għandha tingħata attenzjoni addizzjonali għall-applikazzjoni korretta tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku fis-setturi tal-immaniġġjar tal-iskart u tal-ICT.


2.3. Servizzi finanzjarji

Ir-rendiment tas-suq u l-ostakli għall-integrazzjoni tal-UE

B'mod ġenerali, il-frammentazzjoni tas-suq finanzjarju - li tinftiehem bħala d-differenzi fil-funzjonament u fir-rendiment tas-swieq nazzjonali kkawżati minn ostakli għall-moviment ħieles tal-kapital jew tas-servizzi finanzjarji - **żdiedet matul il-kriżi.** Minkejja li issa hemm sinjali ta' stabbilizzazzjoni, din ix-xejra għandha tiġi invertita. Il-frammentazzjoni hija evidenti fit-tweġibiet ta' korporazzjonijiet lill-programm SAFE¹⁴, li ddokumenta differenzi konsiderevoli fost il-pajjiżi. Il-frammentazzjoni hija evidenti wkoll meta jitqabblu r-rati ta' imġax differenti għal self mill-banek (tipikament importanti għall-familji u l-SMEs) madwar l-Istati Membri differenti, kif indikat fit-Tabella 1.

Tabella 1: Ir-rati ta' imġax, is-self lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji
(maturità ta' mhux aktar minn sena; ammont pendenti, ir-rati medji minn Jannar sa Awwissu 2013)


¹⁴ <http://www.ecb.europa.eu/stats/money/surveys/sme/html/index.en.html>



Sors: Il-Bank Ċentrali Ewropew. Ma hemm l-ebda dejta disponibbli għad-Danimarka u l-Kroazja.

Differenzi sinifikanti huma ugwalment osservabbli fir-rigward tal-volumi ta' self (ara t-Tabella 2). Barra minn hekk, u filwaqt li d-dejta mhijiex strettament paragonabbli minħabba d-differenzi fl-iżviluppi ċikliċi u l-miżuri partikolari meħuda f'xi Stati Membri (jiġifieri, fi Spanja [ES], ċertu self ġie trasferit lejn “bank ħażin”, li mhuwiex MFI), għadu jidher biċ-ċar li **l-provvista ristretta jew għalja ta' kreditu kkontribwixxiet għal tnaqqis sostanzjali fil-volum totali tal-kreditu li ġie intermedjat permezz ta' banek lill-ekonomija reali fl-UE.**

Tabella 2: Self lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji, Karta ta' Bilanċ tal-MFIs Pendenti, (Rati ta' tkabbir sena wara sena, Awwissu 2013)



Sors: Il-Bank Ċentrali Ewropew. Ma hemm l-ebda dejta disponibbli għad-Danimarka, ir-Renju Unit u l-Kroazja.

Fl-aħħar nett, il-frammentazzjoni hija riflessa wkoll fil-valutazzjonijiet tal-konsumaturi. Is-servizzi finanzjarji¹⁵ huma evalwati mill-konsumaturi bħala grupp ta' swieq partikolarment batut u jirreġistraw l-akbar differenzi fl-evalwazzjoni bejn Stati Membri differenti. L-Istati Membri tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Ewropa ngħataw punteġġi partikolarment baxxi¹⁶.

Il-frammentazzjoni ġieli ġiet aggravata minħabba l-prattika ta' ċerti superviżuri nazzjonali kemm fl-Istati Membri taż-żona tal-euro kif ukoll f'dawk li mhux qegħdin fiż-żona tal-euro. Sabiex jirreaġixxu għat-tħassib potenzjali dwar l-istabbiltà kkawżat mill-kriżi tad-dejn sovrani, xi uħud ħadu **miżuri prudenzjali li għandhom "effetti ta' delimitazzjoni"**, bħal pereżempju l-miżuri li l-għan tagħhom huwa li jinżammu l-likwidità, id-dividendi u assi bankarji oħra fi ħdan il-fruntieri nazzjonali¹⁷. Filwaqt li ż-żamma tal-istabbiltà tas-swieq finanzjarji tista' tiġġustifika l-użu ta' miżuri prudenzjali restrittivi, jeħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza jiżguraw li kwalunkwe miżura li potenzjalment tillimita l-fluss ħieles tal-kapital ma tkunx diskriminatorja u tkun proporzjonata għall-oġettiv tagħha. Għal dak l-iskop, kooperazzjoni leali u mill-qrib bejn l-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza taħt l-awspiċi tal-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE), hija prerekwiżit biex jittaffew ir-riskji ta' frammentazzjoni tas-Suq Intern.

L-adozzjoni riċenti tal-**pakkett dwar ir-rekwiżiti kapitali għall-banek**¹⁸ se trendi lill-banek tal-UE aktar solidi u se ssaħħaħ il-kapaċità tagħhom li jiġġestixxu kif xieraq ir-riskji marbuta mal-attivitajiet tagħhom, u li jassorbu kwalunkwe telf li jistgħu jġarrbu waqt li jkun qed isir in-negozju. Jeħtieġ li t-28 Stat Membru **jiżguraw li dawn ir-regoli jiġu implimentati sal-1 ta' Jannar 2014**.

L-iżvilupp ta' ġabra unika ta' regoli, li se tiżgura li jkun hemm uniformità fir-regoli, fis-superviżjoni u fir-riżoluzzjoni madwar l-UE kollha u l-**ħolqien tal-Unjoni Bankarja, għandhom l-għan li terġa' tinkiseb il-fiduċja u b'hekk jiġi ffaċilitat il-finanzjament u jitravwem is-suq intern għas-servizzi finanzjarji**. L-ikkompletar tal-elementi kostitwenti kollha¹⁹ u l-implimentazzjoni rapida u effikaċi tagħha huma għalhekk ta' importanza kbira ħafna. Bl-istess mod, huwa ta' importanza kruċjali li tiġi żgurata **implimentazzjoni korretta, rapida u uniformi ta' elementi essenzjali oħrajn tal-aġenda tar-riforma finanzjarja** hekk kif jidħlu fis-seħħ sabiex tiġi ppreżervata l-istabbiltà finanzjarja u biex tinbena mill-ġdid il-fiduċja tal-konsumaturi.

¹⁵ Is-swieq għas-self, il-kreditu u l-karti tal-kreditu, il-kontijiet tal-bank, l-ipoteki, il-prodotti ta' investiment, il-pensjonijiet u t-titoli privati u l-fondi tal-pensjoni individwali.

¹⁶ L-Istħarriġ ta' Monitoraġġ tas-Suq tal-Konsumaturi 2013 ikkommissjonat mid-DĠ SANCO, li għandu jintuża fl-għaxar Tabella ta' Valutazzjoni tas-Swieq tal-Konsumaturi li jmiss, http://ec.europa.eu/consumers/consumer_research/consumer_market_monitoring_survey_en.htm L-evalwazzjoni tirreferi għall-Indiċi tar-Rendiment tas-Suq (Market Performance Index - MPI) li huwa indiċi kompost li jinkludi evalwazzjonijiet tal-konsumaturi dwar il-komparabilità, il-fiduċja, il-problemi u l-ilmenti, u s-sodisfazzjon ta' swieq speċifiċi.

¹⁷ Is-Servizzi tal-Kummissjoni rċevew informazzjoni kunfidenzjali mingħand superviżuri nazzjonali dwar il-miżuri prudenzjali meħuda fi Stati Membri differenti sabiex jindirizzaw it-tħassib dwar l-istabbiltà finanzjarja, li jista' jkollu effetti ta' delimitazzjoni.

¹⁸ Id-Direttiva 2013/36/UE tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE u r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012

¹⁹ Inklużi, b'mod partikolari, il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni b'Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni, ir-Riżoluzzjoni tal-Banek u d-Direttiva dwar l-Irkupru.

F'dan il-kuntest, ir-Regolament dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta' Superviżjoni jirrikjedi li qabel ma ssir is-superviżjoni diretta min-naħa tas-Superviżur Uniku ġdid li huwa l-BĊE, jeħtieġ li jsir **Rieżami tal-Kwalità tal-Assi**. Dan ir-rieżami se jifforma parti minn eżerċizzju akbar, li jinvolvi lill-Awtorità Bankarja Ewropea u se jinkludi wkoll il-valutazzjonijiet tal-karta tal-bilanċ tal-banek u t-testjiet għall-istress²⁰. Dan l-eżerċizzju għandu jtejjeb il-fiduċja fis-suq u jikkontribwixxi biex ikompli jnaqqas il-frammentazzjoni finanzjarja. Għal din ir-raġuni, huwa importanti li l-Istati Membri **jippreparaw bir-reqqa għal dawn l-eżerċizzji** billi jagħmlu l-isforzi kollha meħtieġa, inkluż billi jistabbilixxu garanziji ta' kontinġenza xierqa qabel l-ikkompletar tal-eżerċizzju u billi jħejju l-implimentazzjoni tar-regoli riveduti dwar l-Għajnuna mill-Istat lill-banek.

Qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi (AIFMD)²¹, **l-attivitajiet tal-AIFM fl-Ewropa ma kinux trasparenti biżżejjed u r-riskji assoċjati ma kinux indirizzati biżżejjed mill-arranġamenti regolatorji u superviżorji**. Filwaqt li l-iskadenza għat-traspożizzjoni tad-Direttiva kienet Lulju 2013, sal-lum, għad hemm xi Stati Membri li għadhom ma ttrasponewiex.

Suq integrat tal-pagamenti fiż-żona tal-euro se jraħħas il-pagamenti u se jagħmilhom aktar faċli u sikuri. Aktar minn għaxar snin wara li l-euro ġiet stabbilita bħala munita komuni u mezz ta' pagament komuni, għad hemm fis-seħħ 28 sistema ta' pagament fi flus kontanti differenti. **Ir-Regolament dwar iż-żona unika ta' pagamenti bl-euro (SEPA)²² jiffissa l-1 ta' Frar 2014 bħala d-data finali** għall-migrazzjoni ta' trasferimenti ta' kreditu nazzjonali kif ukoll ta' dawk intra-Ewropej u tad-debiti diretti bl-euro lejn trasferimenti ta' kreditu SEPA (SCT) u lejn debiti diretti SEPA (SDD) rispettivament. Aktar minn 35 biljun trasferiment ta' kreditu u debiti diretti, ipproċessati kull sena fiż-żona tal-euro, se jkunu milquta b'mod dirett. Skont l-indikatur SEPA tal-BĊE, ir-rata ta' migrazzjoni globali fiż-żona tal-euro f'Lulju kienet 50 % għas-SCT (meta mqabbla mat-38,2 % fi Frar) u 4,8 % għas-SDD (meta mqabbla mat-2,3 % fi Frar). Dan ifisser li sabiex tiġi rrispettata l-iskadenza għall-migrazzjoni lejn is-SEPA, l-istat ta' tħejjija tas-SEPA, l-isforzi ta' komunikazzjoni u l-miżuri ta' implimentazzjoni jridu jittejjbu b'mod konsiderevoli u mingħajr ittardjar mill-partijiet kollha involuti.

Ittieħdu diversi passi fil-livell tal-UE biex jittejjeb l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament²³. Fil-livell nazzjonali, jeħtieġ li l-Istati Membri jintensifikaw is-sostenn

²⁰ <http://www.ecb.europa.eu/press/pr/date/2013/html/pr131023.mt.html>

²¹ Id-Direttiva 2011/61/UE tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u d-Direttivi emendatorji 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010

²² Ir-Regolament (UE) Nru 260/2012 tal-14 ta' Marzu 2012 li jstabbilixxi rekwiżiti tekniċi u tan-negozju għat-trasferimenti ta' kreditu u debiti diretti bl-euro u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 924/2009

²³ Fil-livell tal-UE, fl-2011 il-Kummissjoni nediet Pjan ta' Azzjoni dwar l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament, u f'Marzu 2013 ġiet immedija wkoll konsultazzjoni pubblika dwar il-finanzjament fuq terminu twil, inkluż l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament; diġà ġew adottati żewġ Regolamenti li jstabbilixxu passaport Ewropew għall-fondi tal-investment li għandu fil-mira l-SMEs mhux ikkwotati u l-intrapriżi soċjali, u dawn ilhom fis-seħħ mit-22 ta' Lulju 2013. Il-Kummissjoni Ewropea u l-BEI qed jikkooperaw mill-qrib biex jiżviluppaw inizjattiva maħsuba li tespandi l-istrumenti ta' kondiviżjoni tar-riskji bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-BEI u l-FEI bis-sostenn tal-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment, biex is-settur privat jiġi xprunat jagħmel investimenti tas-suq kapitali fl-SMEs. Din l-inizjattiva tal-SMEs ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew f'Ottubru u bħalissa qed tiġi eżaminata mill-ġdid min-naħa tal-Parlament Ewropew. Is-sostenn għall-SMEs, inkluż permezz ta' strumenti finanzjarji, bħalissa jammonta għal kważi EUR 70 biljun f'FEŻR u f'FSE permezz tal-Politika ta' Koeżjoni, u se jkompli jkun ta' prijorità ewlenija għall-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment bejn l-2014 u l-2020.

tagħhom fir-rigward tal-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament, filwaqt li japprofittaw ukoll mill-mezzi ta' ħidma miftuħa fil-livell tal-UE, li jinkludu regolamentazzjonijiet, strumenti finanzjarji tal-UE, regoli ġodda dwar l-għajnuna mill-Istat għall-finanzjament ta' riskju u miżuri oħra għat-tiġib tal-ambjent għall-SMEs.

L-aċċess għall-informazzjoni dwar il-kumpaniji mas-suq intern kollu huwa wkoll element kruċjali għall-SMEs sabiex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntiera u l-finanzjament tagħhom. F'dan il-kuntest, bħala l-ewwel pass meħtieġ, **it-traspożizzjoni f'waqtha tad-Direttiva dwar l-interkonnessjoni tar-reġistri ċentrali, kummerċjali u tal-kumpaniji**²⁴, li tiskadi fis-7 ta' Lulju 2014 u li teżiġi li l-Istati Membri kollha jorbtu r-reġistri tan-negozji tagħhom elettronikament, hija ta' importanza kbira. Passi ulterjuri se jkunu l-interkonnessjoni tar-reġistri ta' insolvenza permezz tal-portal Ewropew e-Justice²⁵ u l-immodernizzar tal-liġi dwar l-insolvenza fl-UE²⁶.

Prijoritajiet ta' politika

Abbażi ta' dan li ssemma hawn fuq, l-Istati Membri għandhom jiffukaw fuq il-prijoritajiet ewlenin li ġejjin:

- **Jiżguraw li r-regoli l-ġodda dwar rekwiżiti kapitali għall-banek huma implimentati sal-1 ta' Jannar 2014.**
- Jagħmlu l-arranġamenti kollha meħtieġa, inkluż billi jistabbilixxu garanziji ta' kontinġenza xierqa u billi jħejju l-implimentazzjoni tar-regoli riveduti dwar l-għajnuna mill-Istat lill-banek qabel l-eżerċizzji ta' **Rieżami tal-Kwalità tal-Assi, il-valutazzjonijiet tal-karta tal-bilanċ u t-testjiet għall-istress.**
- **Jiżguraw konformità sħiħa min-naħa tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali mar-rekwiżiti ta' kooperazzjoni stabbiliti fil-leġiżlazzjoni bankarja, sabiex jipprevjenu azzjonijiet mhux koordinati jew sproporzjonati fil-kuntest ta' miżuri prudenzjali restrittivi meħuda mis-superviżuri nazzjonali.** Dan huwa partikolarment importanti qabel ma l-Mekkaniżmu Uniku ta' Superviżjoni isir kompletament operazzjonali.
- **Jiffinalizzaw l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi (AIFMD).**
- **Jiżguraw li l-parteċipanti kollha fis-suq ilestu l-migrazzjoni lejn is-SEPA qabel l-1 ta' Frar 2014.** L-isforzi ta' komunikazzjoni u l-azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni fil-livell nazzjonali għandhom jiġu amplifikati, b'mod partikolari fir-rigward tal-SMEs, tal-amministrazzjonijiet pubbliċi żgħar u tal-awtoritajiet lokali.

²⁴ Id-Direttiva 2012/17/UE tat-13 ta' Ġunju 2012 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 89/666/KEE u d-Direttivi 2005/56/KE u 2009/101/KE fir-rigward tal-interkonnessjoni tar-reġistri ċentrali, kummerċjali u tal-kumpaniji

²⁵ Dan b'segwitu għall-proġett pilota ma' grupp ta' Stati Membri u għall-proposta tal-Kummissjoni li temenda r-Regolament dwar il-proċedimenti ta' insolvenza – għal aktar dettalji ara l-Proposta għal Regolament li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 dwar proċedimenti ta' falliment, COM (2012) 744 final, Diċembru 2012

²⁶ Il-Komunikazzjoni dwar approċċ Ewropew ġdid għall-falliment u l-insolvenza, COM (2012) 742, Diċembru 2012

- **Jinkoraġġixxu u jappoġġjaw l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament** b' mod partikolari billi:
 - Jiżviluppaw alternattivi għall-finanzjament tal-banek kif ukoll sorsi innovattivi ta' finanzjament, inklużi opzjonijiet għall-iżvilupp tal-bonds tal-SMEs u ta' swieq alternattivi ta' stokks, jippromwovu l-itfaċċar ta' swieq ta' stokks speċjalizzati fl-ikkwotar ta' SMEs ta' kumpaniji ta' tkabbir kbir, ta' finanzjament kollettiv u ta' kapital ta' riskju. Fir-rigward tal-kapital ta' riskju, dan huwa possibbli mal-Ewropa kollha bis-saħħa tal-Fondi Ewropej ta' Kapital ta' Riskju²⁷ u tar-Regolamenti dwar il-Fondi ta' Intraprenditorija Soċjali²⁸; ir-regoli li ġejjin dwar l-għajnuna mill-Istat rigward il-finanzjament ta' riskju se joħolqu wkoll kundizzjonijiet aktar ekwi fost l-Istati Membri u se jiffaċilitaw l-aċċess għall-kapital ta' riskju għall-SMEs;
 - **Itejbu l-kwalità ta' kif il-valutazzjonijiet tal-kreditu huma stabbiliti għall-SMEs, u jiffaċilitaw l-aċċess transfruntier għall-informazzjoni dwar il-kumpaniji sabiex l-informazzjoni dwar il-kumpaniji tkun mifruxa mal-UE kollha.** L-ewwel pass f' dan ir-rigward huwa t-traspożizzjoni f' waqtha tad-Direttiva dwar l-interkonnessjoni tar-reġistri ċentrali, kummerċjali u tal-kumpaniji;
 - Itejbu l-flussi tal-finanzjament fil-katina tal-provvista, inkluż il-finanzjament tal-kummerċ, u l-għieda tagħhom kontra l-ittardjar fil-pagamenti tkun tikkontribwixxi biex jittaffew il-limitazzjonijiet tal-likwidità tal-SMEs u biex jittejjeb il-kapital ta' ħidma tal-SMEs.

2.4. Is-swieq tal-enerġija

Ir-rendiment tas-suq u l-ostakli għall-integrazzjoni tal-UE

L-għan tat-tielet pakkett dwar l-enerġija huwa li jikkompleta s-suq intern tal-gass u tal-elettriku. Madankollu, minkejja li għaddew aktar minn sentejn mill-iskadenza tiegħu, għad hemm xi **dewmien fit-traspożizzjoni, fl-infurzar u fl-applikazzjoni effikaċi tiegħu fuq il-post.** Sal-25 ta' Ottubru 2013, għad fadal 12-il kawża pendenti ta' nuqqas ta' traspożizzjoni tad-Direttivi; disgħa minnhom qed jiġu segwiti mill-Kummissjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE u t-tlieta l-oħra qegħdin fl-istadju ta' opinjoni motivata kontra seba' Stati Membri differenti (il-Polonja [PL], is-Slovenja [SI], il-Finlandja [FI], l-Estonja [EE], ir-Rumanija [RO], l-Irlanda [IE] u l-Litwanja [LT]). Barra minn hekk, il-Kummissjoni għadha fil-proċess li tivvaluta l-konformità tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali, minħabba li bosta notifiki waslulha biss dan l-aħħar.

Għad hemm bżonn ta' investiment konsiderevoli fl-infrastruttura tal-enerġija, bħall-pipelines ta' trażmissjoni u n-netwerks tal-elettriku, il-ħażna u l-proġetti marbuta mal-gass naturali likwifikat (LNG), sabiex l-enerġija timxi b' mod ħieles u biex tkun tista' tiġi kkummerċjalizzata minn fruntiera għal oħra b'tali mod li tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista. Fl-2013 is-CSRs ġew indirizzati lil 13-il Stat Membru (il-Bulgarija [BG], l-Estonja [EE], Franza [FR], il-Ġermanja [DE], l-Italja [IT], il-Latvja [LV], il-Litwanja [LT], Malta [MT], il-Polonja [PL], ir-Rumanija [RO], is-Slovakkja [SK], Spanja [ES], ir-Renju Unit [UK]) rigward il-

²⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 345/2013 tas-17 ta' April 2013 dwar fondi Ewropej ta' kapital ta' riskju

²⁸ Ir-Regolament (UE) Nru 346/2013 tas-17 ta' April 2013 dwar il-fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej

ħtiegħa li jżidu l-interkonnessjonijiet tal-elettriku u/jew tal-gass. Minn dak iż-żmien 'l hawn, l-interkonnessjonijiet tal-gass kif ukoll dawk tal-elettriku marru għall-aħjar (pereż. l-interkonnessjonijiet tal-gass fil-kuritur tal-Afrika-Spanja-Franza, l-interkonnessjonijiet tal-elettriku bejn il-Portugall [PT] u Spanja [ES], fir-Renju Unit [UK], fl-Irlanda [IE] u fir-reġjun Baltiku u l-iżvilupp ta' proġetti tal-gass bi fluss invers speċjalment fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant). Dawn il-proġetti kkontribwixxew għal funzjonament aħjar tas-swieq. F'Ottubru 2013, il-Kummissjoni Ewropea adottat lista ta' 248 proġett ewlenija ta' infrastruttura tal-enerġija ta' interess komuni li se jibbenefikaw minn proċeduri għall-ġħoti ta' permessi aktar rapidi u aktar effiċjenti u minn trattament regolatorju mtejjeb u li jista' jkollhom aċċess ukoll għal sostenn finanzjarju mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF).

Is-suq tal-ġenerazzjoni tal-enerġija għadu kkonċentrat ħafna. Fi tmien Stati Membri, iktar minn 70 % tal-ġenerazzjoni tal-enerġija għadha kkontrollata mill-operatur storiku²⁹. Hemm kkonċentrazzjoni partikolarment għolja (b'sehem fis-suq li jaqbeż il-75 %) fl-Estonja [EE], fil-Latvja [LV], fi Franza [FR], fil-Lussemburgu [LU] u fis-Slovakkja [SK]. L-inqas sehem fis-suq tal-akbar kumpanija ta' ġenerazzjoni tal-enerġija fil-livell nazzjonali jista' jiġi rrimarkat fil-Polonja [PL] u fi Spanja [ES]. Mil-lat tas-suq bl-imnut tal-gass, minbarra il-Latvja [LV], li għandha entità waħda biss li tiddomina s-suq tal-bejgħ nazzjonali, iċ-ċifri li jaqbeżu d-90 % għall-akbar kumpanija tal-bejgħ bl-imnut jistgħu jinstabu fil-Litwanja [LT], fil-Polonja [PL] u fl-Estonja [EE]. Penetrazzjoni fis-suq relattivament żgħira għall-ikbar kumpaniji tal-bejgħ bl-imnut fil-livell nazzjonali (inqas minn 30 %) tista' tiġi rrimarkata fil-Ġermanja [DE], fl-Ungerija [HU] u fl-Italja [IT].

Il-konsumaturi jikklassifikaw is-swieq tal-elettriku u tal-gass fost is-swieq li ffit li xejn jiffunzjonaw tajjeb³⁰. Iż-żewġt iswieq għandhom pożizzjoni iktar baxxa mill-medja f'dak li jirrigwarda l-għażla, il-komparabbiltà, il-bidla minn fornitur għal ieħor u t-tariffi, u dan jiisuggerixxi li l-konsumaturi ma jipparteċipawx b'mod attiv fis-suq. B'mod ġenerali, is-swieq tal-elettriku u tal-gass tjebeu l-aktar fil-Belġju [BE], iżda s-suq tal-elettriku fl-Estonja [EE] u fil-Bulgarija [BG] huwa l-aktar wieħed li mar għall-aħjar.

It-tnedija ta' sistemi ta' metraġġ intelliġenti se tippermetti li l-konsumaturi jiksbu feedback aktar preċiż u frekwenti dwar il-konsum tal-enerġija tagħhom, se timminimizza l-iżbalji, se tiffaċilita l-fatturar jew il-bidla minn fornitur għal ieħor u se tnaqqas l-infrastruttura. Hemm diġà 16-il Stat Membru li ddeċidew li jniedu l-metraġġ intelliġenti tal-elettriku sa mhux aktar tard mill-2020, u dawn jirrappreżentaw madwar 84 % tal-konsumaturi fl-UE u investiment ta' madwar EUR 35 biljun. Fir-rigward tal-gass, seba' Stati Membri diġà ddeċidew li jniedu din is-sistema, u dawn jirrappreżentaw madwar 30 % tal-utenti u investiment ta' madwar EUR 15-il biljun. Biex l-implimentazzjoni tkun ta' suċċess, il-fiduċja tal-konsumatur hija element importanti, hekk kif kien il-każ għat-tnedija fl-Isvezja [SE] u fil-Finlandja [FI]. Hemm bżonn li tingħata attenzjoni lill-protezzjoni tad-dejta u t-tħassib dwar is-sigurtà li hemm bħalissa.

L-Istati Membri għandhom ineħħu gradwalment ir-regolamentazzjoni tal-prezzijiet għall-bejgħ bl-imnut. Din ir-regolamentazzjoni għandha t-tendenza li tiskoraġġixxi d-dħul

²⁹ http://epp.eurostat.ec.europa.eu/statistics_explained/index.php/Electricity_market_indicators
http://epp.eurostat.ec.europa.eu/statistics_explained/index.php/Natural_gas_market_indicators

³⁰ L-Istħarriġ ta' Monitoraġġ tas-Suq tal-Konsumaturi 2013 ikkummissjonat mid-DĠ SANCO, li għandu jintuża fl-għaxar Tabella ta' Valutazzjoni tas-Swieq tal-Konsumaturi li jmiss, http://ec.europa.eu/consumers/consumer_research/consumer_market_monitoring_survey_en.htm

fis-suq tal-kompetituri u l-investment kemm min-naħa tal-operaturi l-ġodda kif ukoll mill-operaturi preeżistenti. Fin-nuqqas ta' regolamentazzjoni tal-prezzijiet għall-bejgħ bl-imnut, aktar kompetizzjoni u azzjoni min-naħa tal-Istati Membri għal trasparenza akbar fis-swieq tal-bejgħ bl-imnut tal-enerġija u għal għodda ta' informazzjoni aħjar għall-konsumaturi, iżommu l-prezzijiet taħt kontroll u jagħtu s-setgħa lill-konsumaturi jagħmlu l-għażla tagħhom u jgawdu mill-benefiċċji tal-kompetizzjoni. B'konsegwenza tar-regolamentazzjoni tal-prezzijiet għall-bejgħ bl-imnut, il-kwalità u l-innovazzjoni tas-servizzi għandhom tendenza jkunu ta' livell iktar baxx. Hekk kif il-prezzijiet regolati qed jitneħħew gradwalment, **jeħtieġ li s-sostenn mogħti lill-konsumaturi vulnerabbli jissaħħaħ**, permezz tal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija flimkien ma' miżuri speċifiċi ta' sostenn (inkluż pereżempju assistenza finanzjarja li tgħin lill-konsumaturi vulnerabbli jħallsu l-kontijiet tagħhom). Fl-Awstrija [AT], fil-Ġermanja [DE], fil-Pajjiżi l-Baxxi [NL] u fl-Isvezja [SE] ittieħdu passi fid-direzzjoni t-tajba, fejn is-sostenn huwa marbut mal-prezz tas-suq tal-enerġija. Fl-2013 il-Bulgarija [BG], Franza [FR], l-Ungerija [HU], il-Polonja [PL] u r-Rumanija [RO] irċevew CSR dwar il-prezzijiet regolati.

Sabiex l-Istati Membri jilhqnu l-**miri** vinkolanti **tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli** għall-2020 - b'kolloxx 20 % tal-konsum gross finali tal-enerġija irid jiġi ġġenerat minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli - jinħtieġu wkoll investimenti sinifikanti fil-kapaċità ta' ġenerazzjoni. Filwaqt li fl-2011 il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri kienu diġà laħqu l-mira interim tagħhom għall-2011/2012 (minbarra l-Belġju [BE], Franza [FR], il-Latvja [LV], Malta [MT], il-Pajjiżi l-Baxxi [NL] u r-Renju Unit [UK]), ma hemmx lok għall-kompjaċenza. Fuq terminu qasir jew medju, ħafna teknoloġiji għad għandhom bżonn ta' sostenn għat-teknoloġiji tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Hu għandu jkun applikabbli f'konformità mal-gwida tal-aħjar prassi maħruġa mill-Kummissjoni³¹.

Minħabba ż-żieda fil-kondiviżjoni tal-enerġija rinnovabbli (mir-riħ, mix-xemx), xi drabi jinħtieġu **mekkaniżmi ta' remunerazzjoni skont il-kapaċità** sabiex tiġi żgurata l-abilità kontinwa tal-ġenerazzjoni tal-enerġija. Madankollu dawn il-mekkaniżmi potenzjalment jistgħu jgħolqu distorsjoni sinifikanti fis-suq u għalhekk għandhom jitħallew bħala l-aħħar għażla, wara li jkun sar użu sħiħ tal-miżuri ta' reazzjoni għad-domanda, tal-effiċjenza fl-enerġija u ta' kooperazzjoni transfruntiera.

Prijoritajiet ta' politika

Abbażi ta' dan li ssemma hawn fuq, l-Istati Membri għandhom jiffukaw fuq il-prijoritajiet ewlenin li ġejjin:

- **Jittrasponu d-direttivi dwar it-Tielet Pakkett tal-Enerġija fil-ħin u b'mod komprensiv**, u japplikaw kif xieraq ir-regolamenti dwar it-tielet pakkett tal-enerġija.
- **Jadottaw u japplikaw il-kodiċijiet tan-netwerks tal-elettriku u tal-gass**, li jirregolaw il-funzjonament ta' kuljum tas-suq f'dak li jirrigwarda l-iffaċilitar tal-kummerċ u t-tħaddim tan-netwerks transfruntiera.

³¹ Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "European Commission guidance for the design of renewables support schemes" (Il-gwida tal-Kummissjoni Ewropea dwar it-tfassil ta' skemi ta' sostenn għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli)

http://ec.europa.eu/energy/gas_electricity/doc/com_2013_public_intervention_swd04_en.pdf

- Iżidu l-kapaċità ta' interkonnessjoni ma' pajjiżi ġirien, fost l-oħrajn, billi **japplikaw bis-sħiħ ir-Regolament li jkun fih il-linji gwida għall-infrastruttura trans-Ewropea**. Fl-istess ħin, l-Istati Membri għandhom jadottaw perspettiva transfruntiera akbar fl-indirizzar tas-sigurtà tal-isfidi tal-provvista.
- **Jirrinfurzaw lill-konsumaturi** billi jiżguraw li dawn ikollhom aċċess aħjar għal informazzjoni trasparenti u sempliċi, li jkunu mgħammra aħjar biex jipparteċipaw fis-swieq miftuħa, u li jkunu jistgħu jagħmlu użu mid-dejta tal-metraġġ frekwenti li se tkun disponibbli permezz tat-tnedija tas-sistemi ta' metraġġ intelliġenti.
- **Jeliminaw gradwalment il-prezzijiet regolati filwaqt li jggarantixxu l-protezzjoni tal-konsumaturi vulnerabbli**. Is-sostenn għandu jkollu fil-mira l-ħtiġijiet speċifiċi tal-konsumaturi vulnerabbli filwaqt li ma jaffettwax b'mod sproporzjonat il-kompetizzjoni fis-swieq tal-enerġija.
- **Jerġgħu jikkunsidraw l-intervent mill-Istat, f'konformità mal-aħjar prassi identifikata mill-Kummissjoni³² sabiex jiġi evitat** li jkun hemm sussidji, skemi ta' sostenn, taxxi jew imposti fis-settur tal-enerġija li jkollhom effetti ta' distorsjoni fuq il-funzjonament tas-suq **jew li jħallu impatt sproporzjonat u mhux meħtieġ fuq l-affordabilità tal-enerġija għall-unitajiet domestiċi u għan-negozji**.

2.5. Is-swieq tat-trasport

Ir-rendiment tas-suq u l-ostakli għall-integrazzjoni tal-UE

Minħabba li sar progress limitat fl-integrazzjoni tas-servizzi tat-trasport, fl-2013 il-Kummissjoni pproponiet inizjattivi kbar għas-settur ferrovjarju u tal-avjazzjoni³³. Madankollu, **biex jinkiseb suq intern reali għas-servizzi tat-trasport, jeħtieġ li jsir aktar xogħol fuq livell ta' Stat Membru**, billi d-diverġenza fil-prijoritajiet nazzjonali u l-frammentazzjoni tas-suq tat-trasport qed ikompli jolqtu b'mod negattiv il-kwalità tas-servizzi tat-trasport fl-Ewropa.

Il-konsumaturi jqisu s-suq għas-servizzi ferrovjarji bħala wieħed mis-setturi tas-servizzi li jrendi l-inqas. Fl-2013, dan is-suq jikklassifika fil-25 post mill-31 suq għas-servizzi. Mil-lat pożittiv, ir-rendiment tas-suq żdied kemxejn mill-2012 'l hawn, fejn kien jikklassifika fis-27 post.³⁴ Filwaqt li s-suq għas-servizzi tal-linji tal-ajru huwa evalwat relattivament tajjeb b'mod ġenerali, wieħed minn kull ħames ilmenti transfruntiera, huwa relatat mat-trasport tal-passiġġieri jew tal-bagalji bl-ajru³⁵.

³² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea "Delivering the internal electricity market and making the most of public intervention" (It-tweġġ tas-suq intern tal-elettriku u l-użu tal-potenzjal sħiħ tal-intervent pubbliku) http://ec.europa.eu/energy/gas_electricity/doc/com_2013_public_intervention_en.pdf

³³ Ir-raba' Pakkett Ferrovjarju (Jannar 2013), Ajru Uniku Ewropew 2+ (Ġunju 2013), Konsultazzjoni dwar l-abbozz tal-Linji Gwida fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat lill-ajruporti u lil-linji tal-ajru (Lulju 2013).

³⁴ L-Istħarriġ ta' Monitoraġġ tas-Suq tal-Konsumaturi 2013 ikkummissjonat mid-DĠ SANCO, li għandu jintuża fl-għaxar Tabella ta' Valutazzjoni tas-Swieq tal-Konsumaturi li jmiss, http://ec.europa.eu/consumers/consumer_research/consumer_market_monitoring_survey_en.htm

³⁵ Skont kif reġistrat min-Netwerk taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumatur fl-2012 (http://ec.europa.eu/consumers/ecc/ecc_key_statistics_en.htm)

Fir-rigward tal-parametri referenzjarji tal-infurzar (ara d-dettalji fl-anness), is-settur tat-trasport għab punteġġi tajbin, **billi fl-aħħar l-Istati Membri kollha ttrasponew is-seba' direttivi relatati kollha. Madankollu, għad hemm xi diffikultajiet b'rabta mat-traspożizzjoni u mal-implimentazzjoni xierqa tal-leġiżlazzjoni ewlenija** f'dan il-qasam. Konsegwentement, hemm 20 kawża ta' ksur pendenti għal nonkonformità mal-leġiżlazzjoni dwar it-trasport kontra 14-il Stat Membru.

Jekk wieħed jagħti daqqa t'għajn lejn il-mezzi ta' trasport speċifiċi, **l-aktar li huma persistenti huma l-effetti lembut għall-integrazzjoni fis-settur tas-servizzi ferrovjarji.** L-aċċess għas-suq għadu joħloq problema kbira minkejja li nfetħu s-servizzi tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija għall-kompetizzjoni fl-2007 u s-servizzi internazzjonali tal-passiġġieri fl-2010.

Diversi Stati Membri jżommu monopolju legali fis-suq nazzjonali tal-passiġġieri (il-Finlandja [FI], Franza [FR], Spanja [ES], il-Belġju [BE], il-Pajjiżi l-Baxxi [NL]³⁶). Ħafna Stati Membri oħra jagħtu kuntratti ta' servizz pubbliku direttament, mingħajr kompetizzjoni miftuħa (il-Belġju [BE], ir-Repubblika Ċeka [CZ], il-Greċja [EL], Spanja [ES], Franza [FR], il-Kroazja [HR], l-Irlanda [IE], il-Lussemburgu [LU], ir-Rumanija [RO], is-Slovenja [SI])³⁷. Barra minn hekk, f'xi pajjiżi l-ftuħ tas-suq *de jure* ma bidilx is-sitwazzjoni, minħabba li s-sejthiet għall-offerti miftuħa għas-servizzi pubbliċi naqsu milli jsibu parteċipanti ġodda fis-suq (il-Bulgarija [BG], il-Litwanja [LT], il-Latvja [LV], is-Slovakkja [SK]).

Impediment ieħor għad-dħul ta' operaturi ġodda fis-suq u għall-provvista effiċjenti tas-servizzi ferrovjarji huwa **l-insuffiċjenza fl-indipendenza tal-manigġers tal-infrastruttura u tal-operaturi tas-servizz u n-nuqqas ta' trasparenza finanzjarja bejniethom**, li jista' jirriżulta f'imġiba diskriminatorja u f'distorsjonijiet tas-suq. Fl-2013, kien hemm 42 proċedura ta' ksur għaddejnin (is-sitwazzjoni f'Ġunju 2013) li tnedew kontra kważi l-Istati Membri kollha fir-rigward tas-servizzi ferrovjarji, filwaqt li tressqu wkoll għadd ta' ilmenti skont ir-regoli tal-kompetizzjoni. In-nuqqas ta' progress fit-twaqqif ta' swieq ferrovjarji miftuħa u kompetittivi jista' jkun partikolarment dannuż għall-ekonomija Ewropea kollha meta jkun jikkonċerna pajjiżi ta' tranżitu u/jew swieq kbar b'potenzjal akbar għad-dħul. Dan it-tħassib huwa rifless fis-CSRs tal-2013, fejn l-Awstrija [AT], il-Ġermanja [DE], Spanja [ES] u Franza [FR] ingħataw parir biex itejbu l-kompetizzjoni fis-suq ferrovjarju, filwaqt li l-Belġju [BE], il-Bulgarija [BG], l-Italja [IT], il-Polonja [PL] u r-Rumanija [RO] irċevew rakkomandazzjoni biex issaħħu r-rwol tar-regolatur(i).

Madwar 40 % tal-merkanzija tas-Suq Uniku huwa trasportat bil-baħar fuq distanzi qosra bejn il-portijiet tal-UE. Madankollu, is-servizzi tat-trasport bil-baħar bejn l-Istati Membri huma regolati minn proċeduri kajmana u riġidi, b'konsegwenza tal-fatt li t-trasport marittimu huwa ttrattat bħala li jmur lil hinn mill-fruntieri esterni. Bl-inizjattiva tagħha "Ċinturin Blu"³⁸, il-Kummissjoni Ewropea trid tistabbilixxi **Suq Uniku reali għat-trasport marittimu** billi ma tibqax tissottometti l-merkanzija tal-UE ttrasportata bejn il-portijiet tal-UE għal formalitajiet

³⁶ Il-kuntratti mogħtija b'offerta jew l-aċċess miftuħ għas-servizzi kummerċjali jammontaw għal inqas minn 5 % tas-suq totali.

³⁷ Il-kuntratti mogħtija b'offerta jew l-aċċess miftuħ għas-servizzi kummerċjali jammontaw għal inqas minn 5 % tas-suq totali.

³⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Ċinturin Blu, Żona Unika tat-Trasport għat-trasport marittimu, COM(2013), it-8 ta' Lulju 2013

amministrattivi li japplikaw għall-merkanzija li tasal minn portijiet barranin u għal proċeduri ssimplifikati. Dan iżid l-attrazzjoni ta' dan il-mezz ta' trasport.

L-iżviluppi fis-settur tal-avjazzjoni juru l-benefiċċji potenzjali tal-liberalizzazzjoni tas-suq. L-għadd ta' passiġġieri ttrasportati fl-UE ilu jikber b'mod kostanti sa mis-snin 90 waqt li n-nollijiet ġew imnaqqa sostanzjalment. Bejn l-1995 u l-2011 l-għadd ta' passiġġieri-kilometri vvjaġġati bl-ajru fl-UE żdied b'iktar minn 66 % u issa t-trasport bl-ajru jgħodd għal kważi 9 % tas-suq tal-passiġġieri tal-UE. Madankollu, **l-ispazju tal-ajru tal-UE għadu fframmentat, u dan iwassal biex il-kosti jkunu oġhla u biex l-operaturi tal-UE jitpoġġew f'pożizzjoni żvantaġġata meta mqabbla mal-kompetituri barranin tagħhom.** F'dan il-kuntest, il-benefiċċji operazzjonali li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' Blokki ta' Spazju tal-Ajru Funzjonali u Maniġer tan-Netwerk tal-UE b'saħħtu huma l-elementi meħtieġa għal integrazzjoni ulterjuri tas-suq. Barra minn hekk, il-provvista tas-servizz tan-navigazzjoni bl-ajru (ANSP) tibqa' magħluqa għall-kompetizzjoni u tirrikjedi li jsir tiġib f'dak li jirrigwarda l-kwalità u l-kosteffiċjenza. F'Ġunju 2013, il-Kummissjoni Ewropea għamlet proposti biex tħaffef ir-riforma tas-sistema tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru fl-Ewropa³⁹.

Fir-rigward tal-infurzar, **l-implimentazzjoni korretta tad-Direttiva dwar l-imposti tal-ajruporti għadha toħloq problema f'diversi Stati Membri,** u dan huwa illustrat speċjalment permezz ta' każijiet ta' imposti tal-ajruporti diskriminatorji.

Fl-2012/2013 infetħu proċeduri ta' investigazzjoni formali dwar l-għajnuna mill-Istat, partikolarment fil-Ġermanja [DE], fi Franza [FR], fl-Italja [IT], iżda wkoll fir-Rumanija [RO], fil-Polonja [PL], fid-Danimarka [DK] u fl-Isvezja [SE], biex jiġi żgurat li l-finanzjament pubbliku mogħti lill-ajruporti u lil-linji tal-ajru ma jaġixxi ta' impediment għal kompetizzjoni ġusta fis-settur tal-avjazzjoni.

Irriżulta li l-ftuħ tas-suq kien ta' suċċess kbir għat-trasport stradali internazzjonali. It-trasport stradali internazzjonali ta' merkanzija żdid bi 32 % bejn is-sena 2000 u l-2011 u jirrappreżenta madwar 33 % tat-trasport stradali kollu. Madankollu, it-tqabbil ottimali tal-provvista u d-domanda tat-trasport huwa mxejkel minħabba **r-restrizzjonijiet persistenti għad-dispożizzjonijiet temporanji dwar is-servizzi nazzjonali ta' trasport stradali ta' merkanzija u minħabba r-restrizzjonijiet fuq l-aċċess permanenti għal swieq nazzjonali ta' trasport stradali**⁴⁰.

Is-swieq nazzjonali ta' trasport stradali ta' merkanzija jibqgħu protetti mill-kompetizzjoni⁴¹. Ir-restrizzjonijiet operazzjonali u taż-żmien fuq il-kabotaġġ jillimitaw il-libertà ta' operaturi tat-trasport stradali tal-merkanzija li jipprovdu s-servizzi tagħhom. Konsegwentement, il-kabotaġġ għadu jikkostitwixxi segment minuri tas-suq tal-UE tat-trasport stradali tal-merkanzija (madwar 2 % tal-volumi totali tat-trasport). Barra minn hekk, ċerti Stati Membri (il-Finlandja [FI] u d-Danimarka [DK]) adottaw miżuri addizzjonali biex jipproteġu s-swieq tagħhom mill-kompetizzjoni minn trasportaturi tal-merkanzija mhux

³⁹ http://ec.europa.eu/transport/modes/air/single_european_sky/ses2plus_en.htm

⁴⁰ Minkejja li l-kundizzjonijiet għall-istabbiliment huma stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1071/2009, dan ir-Regolament jippermetti wkoll lill-Istati Membri jimponu rekwiżiti addizzjonali għall-istabbiliment ta' impriża tat-trasport stradali tal-merkanzija.

⁴¹ L-operazzjonijiet nazzjonali tat-trasport stradali mwettqa mit-trasportaturi tal-merkanzija minn Stati Membri oħra, magħrufa wkoll bħala kabotaġġ, huma limitati għal tliet operazzjonijiet fis-sebat ijiem ta' wara il-ġarr internazzjonali, skont ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009

residenti. Stati Membri oħrajn, bħal Spanja (ES) għadhom jimponu restrizzjonijiet fuq l-istabbiliment permanenti ta' negozji żgħar. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni se tiffoka wkoll fuq iċ-ċarezza tal-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti u fuq infurzar aktar uniformi tagħha, f'dak li jikkonċerna l-aċċess għas-suq kif ukoll l-istandards soċjali. Min-naħa l-oħra t-tneħħija tar-restrizzjonijiet fuq l-attivitajiet tat-trasportaturi tal-merkanzija mill-UE-12, kienet wasslet għal żieda qawwija fil-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq internazzjonali tat-trasport stradali tal-merkanzija (żewġ terzi tal-volumi tat-trasport tagħhom isiru internazzjonalment).

Jeħtieġ li l-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom biex jikkompletaw u jaġġornaw il-konnessjonijiet u l-infrastruttura tranfruntiera għat-trasport Ewropew ta' merkanzija u passiġġieri. Dan jista' jinkiseb partikolarment permezz tal-implimentazzjoni tal-kurituri l-ġodda tan-netwerk ewlieni TEN-T, tal-użu tas-Sistemi ta' Trasport Intelliġenti (STI), u ta' ġestjoni aħjar tal-konġestjoni fit-trasport transfruntier⁴². Barra minn hekk, il-ħlas għall-użu tal-infrastruttura għandu jevita li jkun hemm diskriminazzjoni potenzjali tal-utenti okkażjonali bl-implimentazzjoni ta' imposti bbażati fuq id-distanza għall-infrastruttura. Din is-sistema sa issa ntużat biss fl-Awstrija (AT), fir-Repubblika Ċeka (CZ), fil-Ġermanja (DE), fil-Polonja (PL), fis-Slovenja (SI) u fis-Slovakkja (SK) għall-ħlas tat-trasport heavy-duty u fil-Greċja (EL), fi Spanja (ES), fi Franza (FR), fl-Irlanda (IE), fl-Italja (IT), fil-Polonja (PL) u fil-Portugall (PT) għall-ħlas ta' dawk kollha li jużaw it-triq fuq partijiet speċifiċi tan-netwerk stradali⁴³.

Prijoritajiet ta' politika

Abbażi ta' dan li ssemma hawn fuq, l-Istati Membri għandhom jiffukaw fuq il-prijoritajiet ewlenin li ġejjin:

- **Jiżguraw traspożizzjoni f'waqtha u ta' kwalità għolja tal-acquis dwar it-trasport, b'mod partikolari fis-settur ferrovjarju.**
- **Jiftħu s-servizzi ferrovjarji nazzjonali tal-passiġġieri għall-kompetizzjoni** u jiżguraw li l-kuntratti ta' servizz pubbliku huma definiti sew u jingħataw b'segwitu għal proċedura ta' sejħiet għall-offerti ġusta, miftuħa u trasparenti. L-istruttura istituzzjonali għandha tiggarrantixxi l-indipendenza tal-manijer tal-infrastruttura bil-għan li tagħti lok għal kompetizzjoni effikaċi fis-swieq ferrovjarji li tiżgura u tiggarrantixxi aċċess ugwali għall-infrastruttura.
- **Ineħħu l-burokrazija fil-portijiet billi jissimplifikaw il-formalitajiet doganali għat-trasport marittimu intra-UE u billi jissimplifikaw il-formalitajiet doganali għall-bastimenti** li jittrakkaw f'portijiet ta' pajjiżi terzi.
- **Jaċċelleraw l-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew (SES)** (pereż. billi jsir progress fid-deframmentazzjoni tan-netwerk tal-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru permezz

⁴² F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni pproponiet żewġ testi leġiżlattivi importanti, li dwarhom qablu l-koleġiżlaturi: ir-Regolament dwar it-TEN-T u r-Regolament dwar il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa li għandhom l-għan li joħlqu netwerk ta' trasport pan-Ewropew kompletament funzjonali – is-sintra tas-Suq Uniku.

⁴³ CE Delft et al. (2012), "An inventory of measures for internalising external costs in transport" (Inventarju tal-miżuri għall-internalizzazzjoni tal-kosti esterni fit-trasport).

tal-implimentazzjoni ta' Blokki ta' Spazju tal-Ajru Funzjonali u billi jintlaħqu l-miri ta' rendiment għall-perjodu 2012-2014) biex itejbu s-sikurezza, il-kapaċità, l-effiċjenza u l-impatt ambjentali tal-avjazzjoni.

- **Jeżaminaw mill-ġdid kwalunkwe restrizzjonijiet nazzjonali li fadal għall-aċċess għas-swieq nazzjonali ta' trasport stradali ta' merkanzija u ta' passiġġieri** bil-ħsieb li jiżguraw il-kompatibbiltà sħiħa tagħhom mal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE fir-rigward tal-libertà għat-trasportaturi stradali barranin tal-merkanzija u għall-operaturi tat-trasport tal-passiġġieri biex iwettqu ċerti operazzjonijiet ta' kabotaġġ u biex jistabbilixxu ruħhom fi kwalunkwe Stat Membru.
- **Ineħħu l-effetti lembut u jimmodernizzaw l-infrastruttura tat-trasport** billi jikkompletaw il-kuritur tan-netwerk TEN-T, itejbu l-konnessjonijiet transfruntiera, jużaw is-STI b'mod koerenti u jimplimentaw imposti nondiskriminatorji bbażati fuq id-distanza filwaqt li jinvestu f'infrastruttura tat-trasport li mhijiex parti minn disinn ta' netwerk koerenti u għaldaqstant li jirriskjaw użu insuffiċjenti tagħha u manutenzjoni li tiswa' ħafna.

2.6. Is-swieq diġitali

Ir-rendiment tas-suq u l-ostakli għall-integrazzjoni tal-UE

Diversi fatturi interrelatati jikkontribwixxu għar-rendiment tajjeb tas-swieq diġitali. Il-pajjiżi li huma avanzati fil-kummerċ elettroniku tipikament juru intensità għolja tal-ekonomija elettronika. Dawk li jrendu tajjeb, bħall-Isvezja (SE), id-Danimarka (DK) u r-Renju Unit (UK)⁴⁴ igawdu kollha kemm huma minn livelli għoljin ta' penetrazzjoni tal-broadband, ta' użu frekwenti tal-internet u ta' ħiliet qawwija fl-internet mal-popolazzjoni kollha. F'dawn l-Istati Membri, il-fiduċja fl-internet bħala mezz ta' bejgħ⁴⁵ u s-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi onlajn⁴⁶ huma kbar ukoll. Fl-Isvezja (SE) u fid-Danimarka (DK) tista' tiġi osservata korrelazzjoni qawwija bejn il-bejgħ onlajn u l-PDG per capita.

Id-disponibbiltà ta' infrastruttura tal-broadband fissa, li hija kruċjali għas-swieq diġitali, għamlet progress moderat iżda kostanti. Madankollu, f'għaxar Stati Membri l-kopertura rurali fissa għadha taħt it-80 %, u għadha sfida f'xi Stati Membri bħall-Polonja (PL), is-Slovakkja (SK), is-Slovenja (SI), il-Latvja (LV) u r-Rumanija (RO), b'xi progress irreġistrat fil-Litwanja (LT) u fir-Repubblika Ċeka (CZ). Filwaqt li aktar min-nofs l-unitajiet domestiċi tal-UE huma koperti minn broadband ta' veloċità għolja ħafna, l-Italja (IT), il-Kroazja (HR), il-Greċja (EL), Franza (FR), l-Irlanda (IE) u l-Polonja (PL) iridu jaġġornaw in-netwerks tagħhom biex ilaħħqu mar-ritmu⁴⁷.

⁴⁴ F'dawn l-Istati Membri, 74 %, 73 % u 73 % rispettivament taċ-ċittadini xtraw onlajn minn tal-inqas darba fl-2012 (sors: Eurostat).

⁴⁵ Fid-Danimarka (DK), fir-Renju Unit (UK) u fl-Isvezja (SE), 80 %, 75 % u 71 % ta' dawk li wiegħbu fl-istħarriġ riċenti qalu li għandhom fiduċja fil-bejjiegħa bl-imnut nazzjonali li jbigħu fuq l-internet, meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 59 %.

⁴⁶ http://ec.europa.eu/public_opinion/flash/fl_358_en.pdf

⁴⁷ Għad-dejta dwar is-suq f'din it-taqsimha jekk jogħġbok ara, b'mod partikolari, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Aġenda Diġitali, fuq: <https://ec.europa.eu/digital-agenda/sites/digital-agenda/files/DAE%20SCOREBOARD%202013%20-%20SWD%202013%20217%20FINAL.pdf>

Is-settur mobbli, b'mod ġenerali, ibbenefika mill-kompetizzjoni u mill-adozzjoni tal-broadband mobbli li dejjem qed tiżdied⁴⁸, iżda huwa ostakolat mill-ittardjar fil-liberazzjoni tal-ispettru. Il-kopertura ta' netwerks ta' aċċess bil-broadband mobbli tar-raba' ġenerazzjoni ttriplikat għal 26 % f'sena waħda biss, iżda t-tkabbir kontinwu tal-broadband mingħajr fili se jirrikjedi investimenti kbar ulterjuri fin-netwerks permissivi. Dan huwa possibbli biss jekk ikun hemm għad-dispożizzjoni spettru suffiċjenti. Minkejja dan, iktar min-nofs l-Istati Membri għadhom ma poġġewx għad-dispożizzjoni l-medda ta' 800 MHz għall-broadband mingħajr fili, kif kellhom jagħmlu sal-1 ta' Jannar 2013⁴⁹. Il-kondiviżjoni tan-netwerk mobbli, f'konformità mar-regoli tal-kompetizzjoni, tista' tippermetti li jkun hemm użu aħjar tal-ispettru diġà assenjat. Hemm ukoll il-ħtieġa li jitneħħew ir-restrizzjonijiet mhux ġustifikati fuq it-tmedja ta' netwerks tal-broadband mingħajr fili.

Id-differenzi fil-prezzijiet bejn l-Istati Membri ġeneralment għadhom kbar⁵⁰ u kienu persistenti maż-żmien⁵¹. Dan, flimkien ma' ostakoli persistenti għall-bidla tal-operaturi⁵² jenfasizzaw il-ħtieġa li jiġi approfondit is-Suq Uniku għall-komunikazzjonijiet elettroniċi, fejn l-allokazzjoni adegwata tar-riżorsi għar-regolaturi nazzjonali u l-indipendenza tagħhom u l-implimentazzjoni korretta tal-qafas regolatorju, huma kruċjali. Il-pakkett leġiżlattiv propost riċentement għal Suq Uniku għall-komunikazzjonijiet elettroniċi se jneħħi l-ostakli li fadal u se jgħib miegħu ċ-ċertezza regolatorja meħtieġa biex isiru l-investimenti fl-infrastruttura. Madankollu, f'każ ta' fallimenti tas-suq se jkun hemm bżonn ukoll ta' sostenn pubbliku kontinwu mmirat, inkluż mill-Fondi Strutturali li, f'xi Stati Membri, kien hemm użu insuffiċjenti tagħhom u/jew li ffaċċjaw problemi ta' assorbiment konsiderevoli.

Bħala medja għall-UE, il-kummerċ onlajn qed ikompli jikber fuq bażi nazzjonali kif ukoll b'mod transfruntier. Madankollu, il-kummerċ għadu wieħed prinċipalment nazzjonali. L-għadd ta' individwi li ordnaw jew li xtraw minn fuq l-internet fit-12-il xahar preċedenti tela' għal 45 % fl-2012, minn 43 % fl-2011 u minn 40 % fl-2010⁵³, fejn l-Istati Membri li bdew minn livell partikolarment baxx (il-pajjiżi ta' "rkupru") kibru b'rata partikolarment mgħaġġla. Madankollu, ħafna minnhom ikomplu juru livelli ta' kummerċ elettroniku nazzjonali iktar baxxi mill-medja (rati ta' 25 % jew inqas fl-Ungerija [HU], fl-Estonja [EE], fil-Kroazja [HR], fil-Portugall [PT], f'Ċipru [CY], fil-Greċja [EL], fil-Litwanja [LT], fl-Italja [IT], fil-Bulgarija [BG] u fir-Rumanija [RO]).

⁴⁸ L-adozzjoni tal-broadband mobbli żdiedet bi 11-il punt perċentwali oħra minn Jannar 2012 sa Jannar 2013.

⁴⁹ Bejn Lulju u Ottubru 2013 il-Kummissjoni tat deroga (skadenzi ġodda) lil ħdax-il Stat Membru (l-Awstrija [AT], Ċipru [CY], il-Finlandja [FI], il-Greċja [EL], l-Ungerija [HU], il-Latvja [LV], il-Litwanja [LT], Malta [MT], il-Polonja [PL], ir-Rumanija [RO] u Spanja [ES]). F'pajjiżi bħall-Belġju (BE), l-Estonja (EE), is-Slovenja (SI) u s-Slovakkja (SK), id-disponibbiltà kienet ostakolata minħabba dewmien amministrattiv.

⁵⁰ Pereżempju, hemm seba' darbiet differenza fil-prezz medju għal kull minuta ta' telefonata nazzjonali biċċellulari bejn l-iktar Stat Membru għali (il-Pajjiżi l-Baxxi - NL) u l-inqas wieħed għali (il-Litwanja - LT).

⁵¹ Għal rendikont komprensiv tal-evoluzzjoni maż-żmien ta' dawn id-differenzi fil-prezzijiet u mhux fil-prezzijiet fis-swieq tat-telefonija fissa u ta' dik mobbli, jekk jogħġbok ara d-Dokumenti Okkażjonali 129 tal-Ekonomija Ewropea (European Economy Occasional Papers): "Market Functioning in Network Industries – Electronic communications, Energy and Transport" (Il-Funzjonament tas-Suq fl-Industriji tan-Netwerks – il-komunikazzjoni Elettronika, l-Enerġija u t-Trasport), Frar 2013

⁵² "Consumer market study on the functioning of the market for internet aċċess and provision from a consumer perspective" (Studju tas-suq tal-konsumaturi dwar il-funzjonament tas-suq tal-aċċess għall-internet u tal-provvista tiegħu minn perspettiva tal-konsumatur), 2012 – li sar f'isem il-Kummissjoni Ewropea mis-Civic Consulting

http://ec.europa.eu/consumers/consumer_research/market_studies/internet_services_provision_study_en.htm

⁵³ Eurostat - Stħarriġ Komunitarju dwar l-użu tal-ICT fl-Unitajiet Domestiċi u mill-Individwi – Aġenda Diġitali għall-indikatur ewlieni ta' prestazzjoni tal-Ewropa.

Il-kummerċ elettroniku transfruntier għadu limitat, b'żieda marġinali biss fil-proporzjon ta' individwi fl-UE li qed jixtru minn Stati Membri oħra tal-UE (minn 10 % għal 11 %) ⁵⁴. Filwaqt li d-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku ġeneralment tiġi implimentata kif suppost, f'xi Stati Membri għad baqa' kwistjonijiet fir-rigward tar-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni minn qabel u tal-infurzar ta' obbligi ta' informazzjoni għall-kummerċjanti. Barra minn hekk, l-oqsma li jirrikjedu attenzjoni ulterjuri huma d-disponibbiltà u s-sigurtà tal-pagamenti, il-privatezza tad-dejta personali, il-kunsinna ta' merkanzija ordnata, l-informazzjoni għall-kuntratti onlajn u l-aċċess faċli għal mekkaniżmi ta' rimedju kif ukoll il-liġijiet ġenerali dwar il-kuntratti u l-protezzjoni tal-konsumatur. Il-kosti għan-negozji u għall-konsumaturi biex jimpenjaw ruħhom fl-ekonomija onlajn jistgħu jinġiebu aktar 'l isfel permezz ta' strateġiji effikaċi ta' ċibersigurtà. Madankollu, dawn huma implimentati biss minnofs l-Istati Membri tal-UE (l-Awstrija [AT], Ċipru [CY], l-Estonja [EE], il-Finlandja [FI], Franza [FR], il-Ġermanja [DE], l-Ungerija [HU], il-Litwanja [LT], il-Lussemburgu [LU], il-Pajjiżi l-Baxxi [NL], il-Polonja [PL], ir-Rumanija [RO], is-Slovakkja [SK], ir-Renju Unit [UK]) ⁵⁵, waqt li l-Awstrija (AT), il-Ġermanja (DE), id-Danimarka (DK), il-Finlandja (FI), Franza (FR), il-Pajjiżi l-Baxxi (NL), l-Isvezja (SE) u r-Renju Unit (UK) ⁵⁶ għandhom kapaċitajiet nazzjonali partikolarment tajba.

L-ICT għall-effiċjenza tas-settur pubbliku huwa lieva sottovalutata għall-konsolidament fiskali li jiffavorixxi t-tkabbir u għar-riformi strutturali, notevolment permezz tal-gvern elettroniku, tas-servizzi bbażati fuq il-cloud ⁵⁷, tas-saħħa elettronika u tal-grilji interoperabbli tal-enerġija u tat-trasport, kif ukoll permezz tal-ftuħ tal-informazzjoni dwar is-settur pubbliku. Mis-sena l-oħra 'l hawn, qed isir progress kostanti fil-modernizzazzjoni tas-settur pubbliku: 87 % tal-intrapriżi qed jużaw is-servizzi tal-gvern elettroniku u diversi Stati Membri qegħdin jintroduċu servizzi onlajn obligatorji. Il-proporzjon ta' ċittadini li qed jużaw il-gvern elettroniku żdied ukoll matul din l-aħħar sena u tela' għal 44 % (it-tnejn li huma żdiedu bi 3 punti perċentwali). L-Italja (IT), il-Kroazja (HR), il-Bulgarija (BG), Ċipru (CY), ir-Repubblika Ċeka (CZ), ir-Rumanija (RO), il-Polonja (PL) u l-Greċja (EL) ikunu jibbenefikaw minn addozzjoni ta' tali servizzi aktar b'saħħhitha. Għalkemm l-użu tal-għodod elettroniċi fl-akkwist pubbliku għadu limitat, xi Stati Membri ħatfu l-opportunità, partikolarment il-Portugall (PT) (sottomissjoni elettronika obligatorja għall-biċċa l-kbira tal-proċeduri), il-Litwanja (LT), l-Irlanda (IE), l-Isvezja (SE) u r-Renju Unit (UK). L-użu tal-fatturar elettroniku diġà sar obligatorju għall-maġġoranza tal-awtoritajiet pubbliċi fid-Danimarka (DK) u fl-Isvezja (SE) u għandu jsir in-norma madwar l-UE kollha.

L-"infrastruttura tal-proprjetà intellettwali" tal-UE ⁵⁸ trid tiġi rrinforzata. Is-settur tal-ICT, kif ukoll dawk li qed jagħżlu dejjem aktar l-internet bħala mezz ta' distribuzzjoni, spiss jiddependu ħafna fuq id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, billi dawn jagħmluhom aktar attraenti għall-finanzjament u jiggerantixxulhom ir-redditi meħtieġa fuq l-investment. Is-sistemi ta' reġistrazzjoni għad-drittijiet nazzjonali jridu jkunu aċċessibbli u li jistgħu jintlaħqu

⁵⁴ Eurostat - Stħarriġ Komunitarju dwar l-użu tal-ICT fl-Unitajiet Domestiċi u mill-Individwi – Aġenda Diġitali għall-indikatur ewlieni ta' prestazzjoni tal-Ewropa.

⁵⁵ L-immappjar tal-ENISA ta' strateġiji nazzjonali ta' ċibersigurtà fid-dinja, April 2013.

⁵⁶ Ir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt li jakkumpanja l-proposta għal Direttiva dwar miżuri li jiżguraw livell għoli ta' sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni mal-Unjoni kollha, SWD(2013) 32 final, Frar 2013.

⁵⁷ Ara l-Istrateġija tal-Kummissjoni dwar il-Cloud Computing, COM(2012) 529 final, Settembru 2012.

⁵⁸ Tinkorpora fis-sistema tal-UE u fis-sistemi nazzjonali, ir-rikonossiment, ir-reġistrazzjoni, l-isfruttar u l-infurzar tal-proprjetà intellettwali.

mill-but ta' kulhadd⁵⁹. Barra minn hekk, it-taqsimiet speċjalizzati fil-proprjetà intellettuali fil-qrati nazzjonali jistgħu jħaffu sostanzjalment il-proċeduri u jtejbu l-kwalità tad-deċiżjonijiet.

Anke networks u teknoloġiji tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku ma jkunux jistgħu jużaw il-potenzjal sħiħ tagħhom għat-tkabbir u l-impjiegi, jekk il-kumpaniji u ċ-ċittadini ma jużawhomx bis-sħiħ⁶⁰. Dan il-potenzjal għat-tkabbir u l-impjiegi bħalissa qed jinżamm lura, b'mod partikolari, minħabba li hemm **nuqqas ta' ħiliet ta' ICT fil-forza tax-xogħol**. Madwar 50 % taċ-ċittadini tal-UE għandhom f'tit ħiliet fl-informatika jew xejn⁶¹; iżda huwa previst li sal-2015, 90 % tal-impjiegi kollha se jkunu jirrikjedu xi f'tit għarfien fl-ICT⁶². Jeħtieġ li l-ħiliet tal-ICT isiru parti mis-sistema edukattiva ġenerali fuq il-livelli kollha. Barra minn hekk hemm bżonn ta' interazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-edukazzjoni u l-komunitajiet tan-negozju, minħabba li bħalissa hemm nuqqas kbir ta' professjonisti tal-ICT⁶³.

Prijoritajiet ta' politika

Abbażi ta' dan li ssemma hawn fuq, l-Istati Membri għandhom jiffukaw fuq il-prijoritajiet ewlenin li ġejjin:

- **Jiżguraw li jkun hemm funzjonament xieraq tas-swieq tal-komunikazzjonijiet elettroniċi** billi jsaħħu l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tagħhom u billi jimplementaw regolamentazzjoni li ssostni użu kompetittiv tal-broadband ta' veloċità għolja, bl-għajna ta' appoġġ pubbliku mmirat fejn ikun meħtieġ, notevolment permezz ta' użu effiċjenti ta' Fondi Strutturali u Fondi tal-Investment Ewropej.
- **Jikkompletaw l-attribuzzjoni tal-meded ta' frekwenza ta' 800 MHz mill-aktar fis possibbli u jpoġġu spektrum tar-radju għad-dispożizzjoni għall-broadband mingħajr fili għal total ta' mill-inqas 1 200 MHz, u jneħħu l-ostakli għall-implimentazzjoni u l-użu effiċjenti ta' networks tal-broadband mingħajr fili.**
- **Jistabbilixxu kundizzjonijiet favorevoli**, inkluż permezz ta' implimentazzjoni korretta u f'waqtha tal-leġiżlazzjoni rilevanti, **fil-varji oqsma li jolqtu lis-servizzi onlajn**, mill-kummerċ elettroniku – bħala l-element leġiżlattiv ewlieni għall-provvista ta' servizzi onlajn - għat-tassazzjoni, mill-kunsinna ta' pakketti għall-pagamenti, mill-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur bħad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur⁶⁴ għall-mekkaniżmi ta' soluzzjoni ta' tilwim bħal-leġiżlazzjoni dwar l-ADR/ODR⁶⁵.

⁵⁹ Pereżempju, il-kost tal-applikazzjoni għal marka kummerċjali u tar-reġistrazzjoni tagħha fi tliet kategoriji jvarja fi ħdan l-UE, u jibda minn EUR 78 f'Ċipru (CY) u jibqa' tiela' sa EUR 419 fl-Isvezja (SE).

⁶⁰ F'dan ir-rigward, Ewropew wieħed minn kull ħamsa qatt ma uża l-internet u r-rati ta' nuqqas ta' użu huma ogħla minn 40 % f'ċerti Stati Membri.

⁶¹ Il-Eurostat, abbażi ta' kampjun rappreżentattiv tal-popolazzjoni adulta (16-74) fl-UE. Id-differenzi bejn il-pajjiżi huma konsiderevoli; ir-rata ta' individwi li m'għandhomx ħiliet jew li għandhom f'tit ħiliet tvarja bejn 26 % u 79 %.

⁶² White Paper tal-IDC "Post Crisis: e-Skills Are Needed to Drive Europe's Innovation Society" (Wara l-Kriżi: Jinħtieġu Ħiliet Elettroniċi biex Jinkoraġġixxu s-Soċjetà tal-Innovazzjoni tal-Ewropa), Novembru 2009.

⁶³ Bejn l-2011 u l-2012, inħolqu aktar minn 100 000 impjieg fl-inġinerija tas-softwer. Flimkien mal-għadd stagħnat ta' persuni ggradwati fl-ICT, ir-riżultat jikkostitwixxi nuqqas li dejjem qed jikber fis-suq tax-xogħol.

⁶⁴ Id-Direttiva 2011/83/UE tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE

- **Jappoġġjaw l-użu tal-ICT u b'mod partikolari tal-internet bil-broadband**, billi jtejbu l-aċċess għall-finanzjament tal-konnettività u tal-użu għall-SMEs. L-Istati Membri għandhom jinvestu wkoll fil-ħiliet tal-ICT, notevolment permezz tal-Fond Soċjali Ewropew, billi jintegrawhom aktar u aħjar fis-sistemi edukattivi tagħhom, jippromwovu sħubiji man-negozji, jattiraw mobbiltà transfruntiera u jadottaw il-Qafas ta' Kompetenza Elettronika.
- **Jadottaw strateġija komprensiva u aġġornata ta' ċibersigurtà** u jaħtru entità għall-implimentazzjoni tagħha u għall-kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra.
- **Iżidu d-disponibbiltà ta' servizzi pubbliċi onlajn li jkunu faċli għall-utent, inkluż permezz ta' interkonnessjonijiet u ta' infrastrutturi transfruntiera, jagħmlu l-akkwist elettroniku interoperabbli u japplikawh b'mod aktar mifruq fuq il-livelli differenti ta' amministrazzjoni, u jippromwovu użu aktar frekwenti tal-fatturar elettroniku.** L-Istati Membri għandhom jippromwovu servizzi miftuħa bbażati fuq il-cloud biex jiżviluppaw infrastrutturi ta' servizzi diġitali u biex jistimolaw id-domanda. L-Istati Membri għandhom jużaw ukoll soluzzjonijiet interoperabbli tas-saħħa elettronika, inklużi rekords tas-saħħa elettroniċi u preskrizzjoni elettronika għal kura tas-saħħa pubblika u għal riċerka klinika aktar effiċjenti u jippromwovu aktar l-użu tal-ICT għall-grilji intelliġenti interoperabbli tal-enerġija u tat-trasport.
- Mingħajr ma jippreġudikaw il-kwalità tal-privattivi u tal-marki kummerċjali mogħtija, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw **it-tnaqqis possibbli tal-kosti u tad-dewmien medju għar-reġistrazzjoni ta' privattivi u ta' marki kummerċjali nazzjonali.** Barra minn hekk, għandhom jiżguraw li fil-qrati jkun hemm **awli speċjalizzati fil-proprjetà intellettuali** u li jkollhom ir-riżorsi meħtieġa.

⁶⁵ Id-Direttiva 2013/11/UE tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi u li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE u r-Regolament (UE) Nru 524/2013 tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni onlajn għal tilwim mal-konsumaturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE.

PARTI II – L-INTEGRAZZJONI FIS-SUQ UNIKU MILL-PERSPETTIVA TAL-INTEGRAZZJONI TAL-KATINA TAL-VALUR

Din il-parti tipprovdi xi sejbiet orizzontali dwar l-istat tal-integrazzjoni tas-Suq Uniku, abbażi ta' analiżi tal-ktajjen ta' valur, jiġifieri l-forniment u x-xiri ta' inputs tal-produzzjoni. Rapport sħiħ tal-analiżi huwa disponibbli f'din il-[ħolqa](#).

It-tisħiħ tal-ktajjen ta' produzzjoni transfruntiera huwa mezz importanti sabiex jitravmu l-kompetittività u t-tkabbir,⁶⁶ u l-effetti globali ta' terminu twil fuq l-impjiegi aktarx ikunu pożittivi wkoll. Barra minn hekk, it-tisħiħ tal-integrazzjoni tal-katina tal-valur fi hndan l-UE jista' jgħin ukoll biex jirrestawra l-bilanċi esterni peress li jiftaħ swieq fl-Istati Membri li jkollhom surplus esterni.


L-analiżi turi li, b'mod ġenerali, **l-inputs transfruntiera fil-produzzjoni tal-UE, kemm intra-UE kif ukoll dawk ekstra-UE, żdiedu.** Dan juri li l-integrazzjoni tas-Suq Uniku żammet ir-ritmu tagħha. Minkejja dawn ix-xejriet globali pożittivi, għad hemm differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri⁶⁷.

L-analiżi tissuġġerixxi wkoll li l-kummerċ **intra-UE u ekstra-UE fl-inputs ta' produzzjoni huma komplementari**⁶⁸. Dan juri li l-isforzi biex jiġi approfondit ulterjorment is-Suq Uniku u biex jiġu promossi ftehimiet dwar il-kummerċ ħieles tal-UE ma' ekonomiji msieħba barra mill-UE, jirrinforzaw lil xulxin.

Barra minn hekk, is-setturi tas-servizzi jipprovdu l-akbar input fl-attivitajiet ta' setturi oħra, b'mod partikolari fil-manifattura. Għalhekk, **is-swieq tas-servizzi li jiffunzjonaw tajjeb għandhom effetti pożittivi fuq il-manifattura tal-UE u viċi versa,** hekk kif indikat mill-Grafika 1.

L-analiżi tissuġġerixxi wkoll li, bil-ħsieb li jiġu mmassimizzati l-benefiċċji tas-Suq Uniku, l-Istati Membri għandhom jiffukaw l-isforzi ta' riforma tagħhom fuq **it-tnaqqis tal-ostakoli għall-kummerċ f'setturi li huma relattivament kbar iżda li mhumiex integrati tajjeb ħafna.** Din ir-rimarka hija partikolarment veritiera għal setturi fejn l-integrazzjoni ekstra-UE hija elevata meta mqabbla mal-integrazzjoni intra-UE, billi din tista' tindika li l-kapaċità ta' kooperazzjoni intra-UE mhijiex sfruttata biżżejjed u għaldaqstant, tista' tissuġġerixxi li għad hemm ostakli sinifikanti.

Grafika 1. L-importanza tal-inputs transfruntiera ta' produzzjoni fl-UE




It-tikketti settorjali huma spjegati fit-tabella li hemm fl-Anness tar-rapport sħiħ, disponibbli f'din il-[ħolqa](#). In-numri jirrappreżentaw ishma tal-inputs (transfruntiera u nazzjonali) intra-UE, imqabbla mal-output tas-settur destinatariju (f'perċentwali).

⁶⁶ Ara l-Kapitolu 2 fuq dan l-indirizz: http://ec.europa.eu/enterprise/policies/industrial-competitiveness/competitiveness-analysis/european-competitiveness-report/comp2012_en.htm

⁶⁷ Għal analiżi speċifika għall-pajjiż tal-bidliet fl-intensità tal-integrazzjoni, ara r-rapport sħiħ fil-[ħolqa](#) li ġejja.

⁶⁸ Fil-perjodu 2006–2009, is-sehem medju ta' inputs ta' produzzjoni intra-UE mhux nazzjonali fl-output kien korrelat b'mod pożittiv mas-sehem medju tal-inputs ta' produzzjoni ekstra-UE madwar l-Istati Membri kollha.

Grafika 2. L-aktar rabtiet ta' produzzjoni intra-UE (nazzjonali u transfruntiera) b'saħħithom bejn is-setturi



Il-ħxuna ta' vleġġa tikkorrispondi mad-daqs tal-koeffiċjent: l-input ta' settur għal ieħor bħala % tal-medja tal-outputs taż-żewġ setturi. Il-koeffiċjenti rispettivi huma indikati maġenb in-nofs ta' kull vleġġa. It-tikketti settorjali huma spjegati f'din il-[ħolqa](#).

setturi msieħba. Is-settur tal-manifattura kellu l-aktar rabtiet b'saħħithom mal-kiri u ma' attivitajiet oħra ta' negozju, kif ukoll mal-kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut mil-lat tal-input u mal-bini mil-lat tal-output. Is-settur tat-trasport għandu l-aktar rabtiet b'saħħithom mas-swieq bl-ingrossa.

Skont din il-perspettiva (jiġifieri l-iffukar fuq il-flussi kummerċjali fil-ktajjen tal-valur tal-produzzjoni), jidher li hemm lok għal tnaqqis ulterjuri tal-ostakli fis-servizzi mhux tas-suq,⁶⁹ fl-attivitajiet marbuta ma' proprjeta immobbli u fil-bejgħ bl-imnut⁷⁰.

Barra minn hekk, ikun jista' jinkiseb tkabbir ekonomiku akbar, kieku l-Istati Membri jimplementaw **politiki biex itejbu l-produttivita f'setturi digħa integrati ħafna**. Riformi bħal dawn x'aktarx jirriżultaw f'effetti konsegwenzjali tal-produttivita għas-setturi msieħba, speċjalment fejn l-interrelazzjonijiet bejn is-setturi huma b'saħħithom. Hekk kif tindika l-Grafika 2, fis-servizzi, il-kiri ta' makkinarju u tagħmir u attivitajiet oħra ta' negozju għandhom l-aktar rabtiet b'saħħithom mal-akbar numru ta'

⁶⁹ L-amministrazzjoni pubblika, id-difiża, l-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa.

⁷⁰ Din l-analiżi tqis l-integrazzjoni ekstra-UE f'dawn is-servizzi bħala parametru referenzjarju. Madankollu, meta ssir valutazzjoni tal-integrazzjoni *ġenerali* tas-swieq tas-servizzi fl-UE, għandhom jiġu kkunsidrati mezzi oħra ta' integrazzjoni li jmorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-kapitolu (notevolment il-forniment ta' servizzi permezz tat-twaqqif ta' intrapriża) biex jiġu kkumplimentati dawn is-sejbiet.

Anness

TABELLA TAL-INFURZAR TAS-SUQ INTERN FIS-SETTURI EWLENIN - Is-sitwazzjoni sal-25 ta' Ottubru 2013

Il-Komunikazzjoni "Governanza Aqwa tas-Suq Uniku" titlob lill-Istati Membri:
 - biex jintrabtu mal-approċċ ta' "toleranza zero" f'dak li jirrigwarda t-traspozzizzjoni tad-direttivi, jiġifieri li jirrispettaw [1] il-mira ta' defiċit ta' traspozzizzjoni u [2] il-mira ta' defiċit ta' konformità ta' 0%
 - biex jiżguraw li jkun hemm konformità rapida bil-għan li [3] jnaqqsu d-durata tal-proċeduri ta' ksur għal medja ta' 18-il xahar
 - biex iħaffu l-proċess għall-konformità mas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja, jiġifieri li [4] jiksibu konformità sħiħa fi żmien medju ta' 12-il xahar
 Għal aktar tagħrif, jekk jogħġbok ikkonsulta t-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku onlajn fuq: <http://ec.europa.eu/single-market-scoreboard>. L-aġġornament li jmiss huwa pplanat għall-aħħar ta' Jannar 2014.

	BE	BG	CZ	DK	DE	EE	HR	IE	EL	ES	FR	IT	CY	LV	LT	LU	HU	MT	NL	AT	PL	PT	RO	SI	SK	FI	SE	UK	UE 25.10.13	UE 25.10.12 ¹	
IS-SERVIZZI (4 direttivi)	[1] Għadd ta' direttivi li għadhom mhux trasposti kompletament	1	0	0	0	1	0	0	0	0	0	0	1	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	2	0	
	[2] Għadd ta' kawżi ta' ksur pendenti minħabba nonkonformità	0	0	0	0	0	0	0	1	1	2	0	0	0	0	0	0	0	0	1	0	0	0	0	0	0	0	1	6	7	
	[3] Durata medja tal-kawżi ta' ksur pendenti	4.9		32.6		28.4			12.8		20.0		28.1	8.8	44.6	8.8		50.2	12.8		52.0	8.8		8.8	56.7	84.2		0.2	29.4 xhur	34.7 xhur	
	[4] Durata medja minn meta tingħata s-sentenza tal-Qorti								60.1										22.8										41.4 xhur	29.4 xhur	
IS-SERVIZZI FINANZJARJI (2 direttivi)	[1] Għadd ta' direttivi li għadhom mhux trasposti kompletament	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	
	[2] Għadd ta' kawżi ta' ksur pendenti minħabba nonkonformità	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	
	[3] Durata medja tal-kawżi ta' ksur pendenti																														
	[4] Durata medja minn meta tingħata s-sentenza tal-Qorti																														
IT-TRASPORT (7 direttivi)	[1] Għadd ta' direttivi li għadhom mhux trasposti kompletament	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	2	
	[2] Għadd ta' kawżi ta' ksur pendenti minħabba nonkonformità	1	1	1	0	0	0	0	1	2	3	1	0	2	1	0	1	0	0	0	2	1	0	2	0	0	0	1	20	22	
	[3] Durata medja tal-kawżi ta' ksur pendenti	14.0				11.1	15.2		4.8	9.1	16.9	6.0		36.0	40.0						4.1	9.0		8.3	11.1		24.8	15.4 xhur	12.4 xhur		
	[4] Durata medja minn meta tingħata s-sentenza tal-Qorti			3.5					11.6	7.8	6.2	0.7					7.8				4.8	12.0		3.5				6.4 xhur	0.0 xhur		
IS-SUQ INTERN DIĠITALI (direttiva waħda)	[1] Għadd ta' direttivi li għadhom mhux trasposti kompletament	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	
	[2] Għadd ta' kawżi ta' ksur pendenti minħabba nonkonformità	0	0	0	0	0	0	1	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	1	1		
	[3] Durata medja tal-kawżi ta' ksur pendenti							12.8			75.9																	44.3 xhur	32.3 xhur		
	[4] Durata medja minn meta tingħata s-sentenza tal-Qorti																														
L-ENERĠJA (4 direttivi)	[1] Għadd ta' direttivi li għadhom mhux trasposti kompletament	1	1	1	1	1	3	0	2	1	1	1	1	1	3	1	1	1	1	1	2*	1	3	3	0	3*	1	1	3	3	
	[2] Għadd ta' kawżi ta' ksur pendenti minħabba nonkonformità	0	1	1	0	0	0	0	0	0	1	0	0	0	1	0	0	0	0	0	1	0	0	0	0	0	0	0	5	2	
	[3] Durata medja tal-kawżi ta' ksur pendenti	13.1	10.1	10.1	0.9	13.1	20.9		12.9	13.1	13.1	15.0	13.1	13.1	13.1	17.7	13.1	13.1	13.1	9.6	13.1	22.2	13.1	18.5	20.7	13.1	20.9	0.9	9.6	15.0 xhur	7.3 xhur
	[4] Durata medja minn meta tingħata s-sentenza tal-Qorti																														

RENDIMENT GLOBALI 25.10.2013																														
RENDIMENT GLOBALI 25.10.2012							MA																							

Tifsira tal-kategoriji		
Deficit ta' traspozzizzjoni	0%	> 0%
Deficit ta' konsistenza	0%	> 0%
Durata tal-kawżi pendenti	≤ 18-il xahar	> 18-il xahar
Durata minn meta tingħata s-sentenza tal-Qorti	≤ 12-il xahar	> 12-il xahar
Mhux applikabbli		
Rendimento	0 miri mhux mihuqa	> 3 miri mhux mihuqa
		1-3 miri mhux mihuqa

- Id-defiċit ta' traspozzizzjoni jgħid li għadd ta' direttivi li għadhom ma ġew x trasposti kompletament mill-ammont totali ta' direttivi li kellihom jiġu trasposti. Direttiva hija deskritta b'halha trasposta jekk i) l-Istat Membru jkun iddikjara li jkun i-trasponiha kompletament u ii) jekk fl-eżaminazzjoni *prima facie* tal-miżuri notifikati mill-Istat Membru (u ta' kw alunkw e tagħrif rilevanti ieħor ipprovdut mill-Istat Membru), il-Kummissjoni tindika li d-direttiva tista' titqies b'halha li ġiet trasposta kompletament, JEW jekk il-Kummissjoni tkun għadha ma lestiet l-eżaminazzjonijiet *prima facie* tagħha.

- Id-defiċit ta' konformità jgħid li għadd ta' Direttivi li kontrihom jinfetħu proċeduri ta' ksur minħabba nonkonformità.

- Id-durata tal-kawżi pendenti hija kkalkulata mid-data li fiha l-Kummissjoni tibgħat ittra ta' notiffika formali sa meta tittesta l-fażi tal-preltagħżjoni.

* Il-Kummissjoni qiegħda fil-proċess li tivvaluta l-leġiżlazzjoni li ġiet notifikata riċentement għal direttiva w aħda (PL) u għal żew g' direttivi (FI).

¹ Daw n iċ-ċifri ġew ikkalkulati mill-ġdid biex jieħdu inkunsiderazzjoni l-metodoloġija differenti applikata fl-2013 u għaldaqstant mhumiex identiċi għal daw k'ippubblikati fl-2012: b'halha, id-durata medja tal-kawżi ta' ksur pendenti ma tkoprix daw k' il-kawżi li għadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja; barra minn hekk, id-durata medja tiġi kkalkulata biss fuq bażi ta' valuri pożittivi u mhux b'halha valur medju għall-Istati Membri kollha.